32006R1911

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1911/2006

tad-19 ta' Diċembru 2006

li jimponi dazju *anti-dumping* definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' urea u ta' nitrati ta' l-ammonju li joriġinaw mill-Alġerija, mill-Belarus, mir-Russja u mill-Ukraina wara reviżjoni ta' skadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ir-"Regolament bażiku") [1] u b'mod partikolari l-Artikoli 11(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta sottomessa mill-Kummissjoni wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. IL-PROĊEDURA

1. Il-miżuri fis-seħħ

(1) Fit-23 ta' Settembru 2000 il-Kunsill impona, bir-Regolament (KE) Nru 1995/2000 [2], miżuri anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' urea u ta' nitrati ta' l-ammonju ("UAN") li joriġinaw mill-Alġerija, mill-Belarus, mir-Russja, mill-Ukraina u mil-Litwanja. Il-miżuri imposti fuq l-importazzjonijiet tal-UAN li joriġinaw mil-Litwanja skadew wara t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004. L-investigazzjoni li wasslet għal dawn il-miżuri se tissejjaħ l-'investigazzjoni oriġinali'.

(2) Il-miżuri li japplikaw għal dawn l-importazzjonijiet kienu jikkonsistu f'dazji speċifiċi, ħlief għall-importazzjonijiet mingħand produttur li jesporta Alġerin mingħand min kien aċċettat impenn.

2. It-talba għal reviżjoni

(3) Fl-20 ta' Ġunju 2005, tressqet talba għal reviżjoni ta' skadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, wara l-pubblikazzjoni ta' avviż ta' skadenza imminenti nhar is-17 ta' Diċembru 2004 [3]. Din it-talba tressqet mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Fabbrikanti tal-Fertilizzanti (EFMA) ('l-applikant') f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw proporzjon kbir, f'dan il-każ iktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-Komunità tal-UAN.

(4) L-applikant allega u pprovda evidenza *prima facie* suffiċjenti li hemm il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' *dumping* u ta' ħsara għall-industrija tal-Komunità fejn jikkonċerna l-importazzjonijiet tal-UAN li joriġinaw mill-Alġerija, mill-Belarus, mir-Russja u mill-Ukraina ("il-pajjiżi kkonċernati").

(5) Wara li ddeterminat, wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv, li kien hemm evidenza suffiċjenti biex jingħata bidu għal reviżjoni ta' skadenza, nhar it-22 ta' Settembru 2005, il-Kummissjoni ħabbret, b'avviż tal-bidu li ġie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [4], il-bidu ta' reviżjoni ta' skadenza skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

3. L-investigazzjoni

3.1. *Il-perjodu ta' l-investigazzjoni*

(6) L-investigazzjoni tal-kontinwazzjoni jew tar-rikorrenza tad-*dumping* kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2004 sat-30 ta' Ġunju 2005 ('il-perjodu ta' l-investigazzjoni tar-reviżjoni' jew l-'RIP). L-eżami tat-tendenzi li huma rilevanti għall-valutazzjoni ta' probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' ħsara kopra l-perjodu mill-2002 sat-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni ('il-perjodu meqjus').

3.2. *Il-partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni*

(7) Uffiċjalment il-Kummissjoni informat lill-produtturi li jesportaw, lill-importaturi u lill-utenti magħrufa li huma kkonċernati u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom, lir-rappreżentanti tal-pajjiżi li jesportaw, lil min għamel l-ilment u lill-produtturi tal-Komunità bil-bidu tar-reviżjoni ta' skadenza. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità biex iressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u biex jitolbu smigħ fil-limitu taż-żmien stabbilit fl-avviż tal-bidu.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

[2] ĠU L 238, 22.9.2000, p. 15. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1675/2003 (ĠU L 238, 25.9.2003, p. 4).

[3] ĠU C 312, 17.12.2004, p. 5.

[4] ĠU C 233, 22.9.2005, p. 14.

(8) Il-partijiet interessati kollha, li talbu dan u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex kellhom jinstemgħu, ingħataw smigħ.

(9) Minħabba n-numru kbir ta' produtturi tal-Komunità u ta' importaturi fil-Komunità li mhumiex relatati ma' produttur li jesporta f'wieħed mill-pajjiżi kkonċernati, tqies li jkun xieraq, skond l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, li jiġi eżaminat jekk għandux jintuża t-teħid ta' kampjuni. Biex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni jkunx tabilħaqq meħtieġ u, jekk inhu hekk, li jintgħażel kampjun, il-partijiet ta' aktar 'il fuq intalbu, skond l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, jippreżentaw irwieħhom fi żmien 15-il ġurnata mill-bidu ta' l-investigazzjoni u jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni mitluba fl-avviż tal-bidu.

(10) Wara li ġiet eżaminata l-informazzjoni mressqa, u minħabba n-numru għoli ta' produtturi tal-Komunità li indikaw li kienu lesti li jikkooperaw, ġie deċiż li t-teħid ta' kampjuni rigward il-produtturi tal-Komunità kien meħtieġ. Minħabba l-fatt li importatur wieħed biss ipprovda l-informazzjoni mitluba fl-avviż tal-bidu u esprima r-rieda tajba tiegħu li jikkoopera aktar mas-servizzi tal-Kummissjoni, ġie deċiż li t-teħid ta' kampjuni ma kienx meħtieġ rigward l-importaturi.

(11) Intbagħtu kwestjonarji lill-erba' produtturi tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun u lill-produtturi magħrufa kollha li jesportaw.

(12) It-tweġibiet għall-kwestjonarji waslu mingħand l-erba' produtturi tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun u mingħand sitt produtturi li jesportaw fil-pajjiżi konċernati, kif ukoll mingħand in-negozjanti relatati tagħhom.

(13) Produttur wieħed biss fil-pajjiż analogu pprovda tweġiba kompluta għall-kwestjonarju.

(14) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset li kienet meħtieġa għal determinazzjoni tal-kontinwazzjoni jew tar-rikorrenza probabbli tad-*dumping* u tal-ħsara li tirriżulta u ta' l-interess tal-Komunità. Saru żjarat ta' verifika fl-uffiċċji tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) Il-produttur li jesporta fir-Russja

— JSC Mineral and Chemical Company ("Eurochem"), Moska, ir-Russja, u ż-żewġ kumpaniji tal-manifattura relatati tagħha:

— PJSC Azot ("NAK Azot"), Novomoskovsk, ir-Russja, u

— PJSC Nevinnomyssky Azot ("Nevinka Azot"), Nevinnomyssk, ir-Russja;

(b) In-negozjant relatat ma' Eurochem

— Eurochem Trading GmbH, Zug, l-Iżvizzera — ("Eurochem Trading");

(c) In-negozjant relatat mal-produttur Ukrajn Stirol

— IBE Trading, New York, New York, l-Istati Uniti ta' l-Amerika;

(d) Il-produttur fil-pajjiż analogu

— Terra Industries, Sioux City, Iowa, l-Istati Uniti ta' l-Amerika;

(e) Il-produtturi tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun

— Achema AB, Jonava, il-Litwanja,

— Grande Paroisse SA, Paris, Franza,

— SKW Stickstoffwerke Piesteritz GmbH, Wittenberg, il-Ġermanja,

— Yara SA, Brussell, il-Belġju u il-produttur relatat tiegħu Yara Sluiskil BV, Sluiskil, l-Olanda.

3.3. *It-Teħid ta' kampjuni*

(15) 10 produtturi tal-Komunità mlew kif xieraq il-formola tat-teħid ta' kampjun sa għeluq iż-żmien u ftiehmu formalment li jikkooperaw aktar fl-investigazzjoni. Rigward dawk l-għaxar produtturi tal-Komunità, skond l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ibbażat fuq l-ikbar volum rappreżentattiv ta' produzzjoni u ta' bejgħ tal-UAN fil-Komunità li seta' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli. L-erba' produtturi tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun kienu jammontaw għal 63 % tal-produzzjoni totali ta' l-industrija tal-Komunità matul l-RIP, waqt li l-10 produtturi tal-Komunità li ssemmew aktar 'il fuq kienu jammontaw għal 75 % tal-produzzjoni totali tal-Komunità matul l-RIP.

(16) Skond l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-partijiet ikkonċernati kienu kkonsultati dwar il-kampjun magħżul u ma qajmu l-ebda oġġezzjoni għal dan.

B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI

1. Il-prodott ikkonċernat

(17) Il-prodott ikkonċernat huwa l-istess bħal dak fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri soluzzjoni ta' urea u ta' nitrati ta' l-ammonju, fertilizzant likwidu li komunement jintuża fl-agrikoltura, li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati. Dan jikkonsisti f'taħlita ta' urea, ta' nitrati ta' ammonju u ta' ilma. Il-kontenut ta' nitroġenu (N) huwa l-aktar "karatteristika" sinifikanti tal-prodott, u jista' jvarja bejn 28 % u 32 %. Varjazzjoni bħal din tista' tinkiseb billi jiġi miżjud aktar jew inqas ilma mas-soluzzjoni. Il-parti l-kbira tal-UAN importati kienu ta' 32 % N, li huma l-aktar ikkonċentrati, u għalhekk irħas sabiex jintbagħtu bil-baħar. Madankollu, ikun xi jkun il-kontenut ta' nitroġenu tagħhom, is-soluzzjonijiet kollha ta' urea u ta' nitrati ta' l-ammonju jitqies li għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi, u għalhekk jikkostitwixxu prodott wieħed għall-iskop ta' din l-investigazzjoni. Il-prodott ikkonċernat jaqa' taħt il-kodiċi NM 3102 80 00.

2. Il-prodott simili

(18) Kif ġie stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, din l-investigazzjoni ta' reviżjoni kkonfermat li l-UAN huwa prodott ta' komodità pur, u l-kwalità u l-karatteristiċi fiżiċi bażiċi tiegħu huma identiċi jkun xi jkun il-pajjiż ta' l-oriġini. Il-prodott ikkonċernat u l-prodotti manifatturati u mibjugħa mill-produtturi li jesportaw fis-suq domestiku fil-pajjiżi kkonċernati, kif ukoll dawk manifatturati u mibjugħa mill-produtturi tal-Komunità fis-suq tal-Komunità u mill-produttur fil-pajjiż analogu fis-suq domestiku tal-pajjiż analogu, għalhekk instab li għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u essenzjalment l-istess użi, u għalhekk jitqiesu bħala prodotti simili fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

C. IL-PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI U/JEW TA' RIKORRENZA TAD-DUMPING

1. Id-dumping ta' importi matul l-RIP

(19) Skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk huwiex probabbli li l-iskadenza tal-miżuri hiex se twassal għal kontinwazzjoni jew għal rikorrenza tad-*dumping*.

(20) Matul l-RIP, l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità tal-UAN li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati saru biss mill-Alġerija. Għalhekk, saret kalkulazzjoni tad-*dumping* sabiex jiġi eżaminat jekk għaż-żewġ produtturi li jesportaw Alġerini li kkooperaw kienx hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-*dumping*. Għall-produtturi li jesportaw u li kkooperaw l-oħra fil-Belarus, fir-Russja u fl-Ukraina, l-investigazzjoni ffokat fuq il-probabbiltà ta' rikorrenza tad-*dumping*.

L-Alġerija

Ġenerali

(21) L-uniċi żewġ produtturi Alġerini tal-UAN, Fertalge u Fertial, ikkooperaw fl-investigazzjoni. Dawn iż-żewġ produtturi kienu jirrappreżentaw it-totalità ta' l-esportazzjonijiet tal-UAN li joriġinaw mill-Alġerija lejn il-Komunità matul l-RIP, li kienu jikkorrispondu għal 177 383 tunnellata metrika. L-importazzjonijiet fil-Komunità tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-Alġerija kienu jirrappreżentaw 4,8 % tal-konsum tal-Komunità li matul l-RIP kien ta' 3 694 531 tunnellata metrika. Għalhekk meta mqabbla mal-perjodu ta' l-investigazzjoni oriġinali l-importazzjonijiet mill-Alġerija żdiedu minn 116 461 tunnellata metrika bi 52 %.

(22) Għalhekk, l-eżami tad-*dumping* ibbażat fuq l-informazzjoni pprovduta minn dawn iż-żewġ prodotturi li jesportaw li kkooperaw tqies li huwa wkoll rappreżentattiv għall-pajjiż kollu.

Il-valur normali

(23) L-ewwel ġie stabbilit, għal kull wieħed miż-żewġ produtturi li jesportaw li kkooperaw, jekk il-bejgħ domestiku totali tiegħu tal-UAN kienx rappreżentattiv skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, jiġifieri jekk kinux jammontaw għal 5 % jew aktar tal-volum tal-bejgħ totali tal-prodott ikkonċernat li ġie esportat lejn il-Komunità. L-investigazzjoni wriet li ż-żewġ kumpaniji biegħu biss tip wieħed ta' UAN lill-Komunità u li dan it-tip ma nbiegħx fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku.

(24) Għalhekk, għaż-żewġ produtturi li jesportaw il-valur normali ma setax ikun ibbażat fuq il-bejgħ domestiku u kellu jinbena skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku billi ma' l-ispiża tal-manifattura tal-prodott esportat lejn il-Komunità ta' kull esportatur ġew miżjuda ammont raġonevoli għal spejjeż ta' bejgħ, spejjeż ġenerali u spejjeż amministrattivi (SG&A) kif ukoll marġni raġonevoli ta' qliegħ.

(25) Dwar l-ispiża tal-manifattura, ta' min jinnota li l-ispejjeż ta' l-enerġija, bħalma huma l-elettriku u l-gass, jirrappreżentaw proporzjon kbir mill-ispiża tal-manifattura kif ukoll proporzjon sinifikanti mill-ispiża totali tal-produzzjoni. Skond l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni u mal-bejgħ tal-prodott taħt konsiderazzjoni kinux riflessi b'mod raġonevoli fir-rekords tal-partijiet ikkonċernati.

(26) L-investigazzjoni ma wriet l-ebda indikazzjoni li l-elettriku ma kienx qed jiġi rifless b'mod raġonevoli fir-rekords tal-produtturi li jesportaw. F'dan il-kuntest, ta' min jinnota, fost ħwejjeġ oħra, li l-prezzijiet ta' l-elettriku li tħallsu mill-produtturi Alġerini matul l-IP kienu skond il-prezzijiet internazzjonali tas-suq, meta mqabbla ma' pajjiżi oħra bħall-Kanada u n-Norveġja. Madankollu, ma setax jingħad l-istess rigward il-prezzijiet tal-gass.

(27) Fejn jikkonċernaw il-fornimenti ta' gass, fil-fatt, ġie stabbilit fuq il-bażi tad-*data* ppubblikata minn sorsi rikonoxxuti internazzjonalment li huma speċjalizzati fis-swieq ta' l-enerġija, li l-prezz li tħallas mill-produttur Alġerin kien inqas minn wieħed minn kull ħamsa tal-prezz ta' l-esportazzjoni tal-gass naturali mill-Alġerija. Barra minn hekk, id-*data* kollha disponibbli tindika li l-prezzijiet domestiċi tal-gass fl-Alġerija kienu prezzijiet irregolati, li huma ferm aktar baxxi mill-prezzijiet tas-suq li tħallsu għall-gass naturali, pereżempju fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, fil-Kanada, fil-Ġappun u fl-UE. Dawn l-erba' swieq jammontaw għal total ta' 46 % tal-konsum tal-gass fid-dinja, u l-livelli prevalenti tal-prezz domestiku f'dawn l-erbat iswieq jidher li jirriflettu l-ispejjeż b'mod raġonevoli. Barra minn hekk, il-prezz tal-gass li tħallas mill-kumpaniji kkonċernati kien ħafna aktar baxx mill-prezz tal-gass li tħallas mill-produtturi tal-Komunità.

(28) Minħabba dak li ntqal aktar 'il fuq, tqies li l-prezzijiet tal-gass li tħallsu fl-Alġerija matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni ma setgħux jirriflettu b'mod raġonevoli l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni u mad-distribuzzjoni tal-gass. Għalhekk, kif stipulat fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, l-ispejjeż tal-gass li tħallsu minn produttur wieħed li jesporta li kkoopera, Fertial, ġew aġġustati fuq il-bażi tat-tagħrif minn swieq rappreżentattivi oħrajn. Il-prezz aġġustat ġie bbażat fuq il-prezz medju tal-gass naturali likwifikat Alġerin ("LNG") matul l-IP, meta nbiegħ għall-esportazzjoni fuq il-fruntiera Franċiża wara li tħallsu l-ispejjeż tat-tagħbija bil-baħar u tal-likwefazzjoni, għaliex dan tqies li huwa l-iktar bażi xierqa peress li din l-informazzjoni pubblika tirreferi esklużivament għall-gass ta' oriġini Alġerina. Franza, li hija kemm l-ikbar suq għall-gass Alġerin kif ukoll għandha prezzijiet li jirriflettu l-ispejjeż b'mod raġonevoli, tista' titqies bħala suq rappreżentattiv fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku. Il-kumpanija li kkooperat l-oħra, Fertalge, ma kinitx tuża l-gass naturali bħala materja prima, għaliex tipproduċi l-UAN min-nitrat ta' l-ammonju ("AN"), li jiġi prodott lokalment, u mill-urea. Minħabba li l-ispiża ta' l-AN prodott lokalment tirrifletti l-prezz domestiku tal-gass Alġerin li ssemma fil-premessa (27) skond dan.

(29) L-ispejjeż tal-manifattura pprovduti mill-produtturi li jesportaw li kkooperaw għalhekk kienu kkalkulati mill-ġdid sabiex iqisu l-prezzijiet aġġustati tal-gass, permezz tal-prezzijiet tal-gass meta mibjugħ fil-fruntiera ta' Franza, mingħajr l-ispiża tal-ġarr bil-baħar u permezz ta' l-ispejjeż tal-likwidazzjoni. Ma' l-ispiża tal-manifattura li ġiet ikkalkulata mill-ġdid b'dan il-mod ġew miżjuda ammont raġonevoli għall-SG&A kif ukoll marġni ta' qliegħ raġonevoli, skond l-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku.

(30) L-ispejjeż SG&A u l-qliegħ ma setgħux jiġu stabbiliti fuq il-bażi tax-*chapeau* ta' l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku, għaliex iż-żewġ kumpaniji li kkooperaw ma kellhomx bejgħ domestiku rappreżentattiv tal-prodott ikkonċernat fl-andament ordinarju tan-negozju. L-Artikolu 2(6)(a) tar-Regolament bażiku ma setax jiġi applikat, minħabba li ż-żewġ produtturi li kkooperaw huma l-uniċi żewġ produtturi tal-UAN fl-Alġerija. Lanqas l-Artikolu 2(6)(b) ma kien japplika, minħabba li l-ispiża tal-manifattura għall-prodotti li jappartjenu għall-istess kategorija ġenerali ta' oġġetti jeħtieġ li tiġi aġġustata wkoll fejn għandhom x'jaqsmu l-ispejjeż tal-gass, għar-raġunijiet indikati fil-premessa (28) ta' aktar 'il fuq. Peress li nstab li kien impossibbli li jiġi stabbilit id-daqs ta' l-aġġustament meħtieġ għall-prodotti kollha li jagħmlu parti mill-istess kategorija ġenerali ta' oġġetti mibjugħa b'mod domestiku, huwa daqstant impossibbli li jiġu stabbiliti l-marġini ta' qliegħ wara tali aġġustament. Għalhekk, l-ispejjeż SG&A u l-qliegħ ġew stabbiliti skond l-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku.

(31) Skond l-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku, l-ispejjeż SG&A u l-qliegħ ġew iddeterminati fuq il-bażi ta' metodu raġonevoli. Peress li s-suq domestiku Alġerin tal-prodotti ta' l-istess kategorija ġenerali huwa żgħir ħafna, l-informazzjoni kellha tinkiseb minn swieq rappreżentattivi oħrajn. F'dan ir-rigward, tqieset l-informazzjoni li hija pubblikament disponibbli li hija relatata mal-kumpaniji ewlenija li joperaw fis-settur tan-negozju tal-fertilizzanti tan-nitroġenu. Instab li d-*data* korrispondenti mill-produtturi ta' l-Amerika ta' Fuq (l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-Kanada) għandha tkun l-iktar xierqa għall-iskop ta' l-investigazzjoni, minħabba d-disponibilità kbira ta' informazzjoni finanzjarja pubblika affidabbli u kompluta minn kumpaniji elenkati f'dan ir-reġjun tad-dinja. Barra minn hekk, is-suq ta' l-Amerika ta' Fuq wera volum sinifikanti ta' bejgħ domestiku u livell konsiderevoli ta' kompetizzjoni kemm mill-kumpaniji domestiċi kif ukoll minn dawk barranin. Għalhekk l-ispejjeż SG&A u l-qliegħ ġew stabbiliti fuq il-bażi ta' l-ispejjeż SG&A u l-qliegħ medji u

mgħobbija (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) minn tliet produtturi ta' l-Amerika ta' Fuq, li nstabu li kienu fost l-ikbar kumpaniji fis-settur tal-fertilizzanti, fejn jikkonċerna l-bejgħ tagħhom fl-Amerika ta' Fuq ta' l-istess kategorija ġenerali ta' prodotti (il-fertilizzanti tan-nitroġenu). Dawn it-tliet produtturi tqiesu bħala rappreżentattivi għan-negozju tal-fertilizzanti tan-nitroġenu (bħala medja, aktar minn 80 % tal-fatturat tas-segment tal-kumpanija/negozju), u l-ispejjeż SG&A u l-qliegħ tagħhom bħala rappreżentattivi ta' l-istess tip ta' spejjeż li normalment isiru minn kumpaniji li joperaw b'suċċess f'dak is-segment ta' negozju. Il-persentaġġ għall-ispejjeż SG&A kien ta' 6,9 % tal-fatturat. Il-marġni ta' qliegħ medju kkalkulat kien ta' 9,1 % tal-fatturat. Barra minn hekk, m'hemm l-ebda indikazzjoni li tissuġġerixxi li l-ammont għall-qliegħ li kien stabbilit b'dan il-mod jaqbeż il-qliegħ li normalment ikollhom il-produtturi Alġerini fuq il-bejgħ tal-prodotti ta' l-istess kategorija ġenerali fis-suq Alġerin.

Il-prezz ta' l-esportazzjoni

(32) Skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, il-prezz ta' l-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezz li effettivament tħallas jew li jista' jitħallas għall-prodott ikkonċernat meta dan inbiegħ għall-esportazzjoni lejn il-Komunità.

Il-paragun

(33) Il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni ġew imqabbla fuq bażi ta' qabel il-prezz tas-suq. Sabiex ikun żgurat paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni, saru konċessjonijiet dovuti fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffettwaw il-prezz u għall-komparabilità tal-prezzijiet skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, saru aġġustamenti għad-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport, ta' l-immaniġġjar, tat-tagħbija u fi spejjeż anċillari, fejn japplika u fejn kien appoġġjat minn evidenza vverifikata.

Il-marġni tad-dumping

(34) Il-marġni tad-*dumping* għal kull produttur li jesporta ġie stabbilit fuq il-bażi ta' paragun bejn valur medju u mgħobbi (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) u prezz ta' l-esportazzjoni medju u mgħobbi (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi), skond l-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(35) L-investigazzjoni wriet li matul l-RIP seħħ id-*dumping* anki f'livell ogħla milli fl-investigazzjoni oriġinali. Il-marġnijiet tad-*dumping* espressi bħala persentaġġ tal-prezz CIF fuq il-fruntiera tal-Komunità, ivarjaw bejn 50 % u 60 %.

2. **L-iżvilupp ta' l-importazzjonijiet kieku l-miżuri jiġu rrevokati**

2.1. *L-Alġerija*

(36) Iż-żewġ produtturi li jesportaw Alġerini li kkooperaw jirrappreżentaw it-totalità ta' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat minn dan il-pajjiż fil-Komunità. Għalhekk, l-eżami ta' jekk ikunx probabbli li d-*dumping* ikomplix jekk il-miżuri għall-Alġerija jiġu rrevokati, ġie bbażat fuq l-informazzjoni pprovduta minn dawn iż-żewġ produtturi li jesportaw li kkooperaw.

Il-kapaċità żejda

(37) Matul il-perjodu meqjus, il-produtturi Alġerini li kkooperaw irnexxielhom jirdoppjaw il-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom filwaqt li żiedu l-produzzjoni tagħhom b'madwar 20 %. Għalhekk, il-kapaċità żejda tagħhom żdiedet b'mod sinifikanti għal 300 000-350 000 tunnellata metrika.

(38) Minħabba li s-suq domestiku Alġerin huwa insinifikanti u huwa probabbli li dan mhux se jinbidel fil-futur, kwalunkwe żieda fil-produzzjoni se tkun orjentata lejn l-esportazzjoni. Billi attivaw il-kapaċità żejda tagħhom, iż-żewġ produtturi li jesportaw li kkooperaw setgħu jfornu 10 %-20 % tal-konsum tal-Komunità.

(39) Minħabba li matul l-RIP id-*dumping* kompla u fuq il-bażi tal-kapaċità żejda li l-produtturi Alġerini li kkooperaw irnexxielhom jibnu, huwa probabbli li jekk il-miżuri jiskadu il-volum ta' l-esportazzjonijiet Alġerini fil-Komunità se jiżdied bi prezzijiet li jkunu soġġetti għal *dumping*.

(40) Fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, jekk il-miżuri jiġu revokati hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' esportazzjonijiet soġġetti għal *dumping*.

Il-paragun bejn il-valur normali Alġerin u l-livell tal-prezz prevalenti fil-Komunità

(41) Il-valur normali stabbilit għaż-żewġ kumpaniji eċċeda b'mod sinifikanti il-prezzijiet tas-suq tul l-RIP. Ma jistax jiġi eskluż li l-produtturi Alġerini li jesportaw ikomplu jbiegħu lill-Komunita bi prezzijiet soġġetti għal *dumping*, kemm jekk ikollhom iħallsu d-dazju u kemm jekk le.

2.2. *Ir-relazzjoni bejn il-valur normali mibni fil-Belarus, fir-Russja u fl-Ukraina u l-prezzijiet ta' l-esporazzjoni lejn pajjiżi terzi*

2.2.1. Il-Belarus u l-Ukraina: il-prezzijiet domestiċi tal-bejgħ ibbażati fuq il-pajjiż analogu

(42) Sar paragun bejn il-prezzijiet domestiċi tal-bejgħ tal-UAN fil-Belarus u fl-Ukraina u l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi. F'dan ir-rigward ta' min jinnota li minħabba li l-Belarus jitqies bħala pajjiż b'ekonomija mhux tas-suq u li l-Ukraina ma kinitx għadha meqjusa bħala pajjiż b'ekonomija tas-suq fiż-żmien meta ġiet iddepożitata t-talba għar-reviżjoni ta' skadenza [1], il-valur normali għal dawn iż-żewġ pajjiżi kellu jiġi ddeterminat fuq il-bażi tad-data li nkisbet mill-produtturi f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq, skond l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku. Fl-avviż tal-bidu, l-Istati Uniti ta' l-Amerika kienu previsti bħala pajjiż analogu xieraq, peress li huma suq kompetittiv miftuħ, fejn il-produtturi jiffaċċjaw livell konsiderevoli ta' kompetizzjoni minn importazzjonijiet barranin.

(43) Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità sabiex jikkummentaw dwar l-għażla tal-pajjiż analogu.

(44) L-Assoċjazzjoni Ewropea ta' l-Importaturi tal-Fertilizzanti, EFIA, ipproponiet lill-Alġerija jew lir-Russja bħala għażliet aħjar, minħabba l-aċċess privileġġjat tagħhom għall-materja prima ewlenija, jiġifieri l-gass, u peress li kienu pajjiżi b'ekonomija tas-suq soġġetti għall-istess investigazzjoni. F'dan ir-rigward, ta' min jiġbed l-attenzjoni li l-Artikolu 2(7)(a) jeħtieġ, qabel kwalunkwe konsiderazzjoni oħra, pajjiż terz b'ekonomija tas-suq "xieraq". Waqt li l-aċċess għall-materja prima huwa fattur importanti fejn jikkonċerna l-għażla tal-pajjiż analogu, ta' min jinnota wkoll li l-eżistenza ta' pprezzar doppju f'relazzjoni għall-gass f'dawn iż-żewġ pajjiżi fil-fatt għamlet lil dawn iż-żewġ pajjiżi għażla mhux xierqa. Tabilħaqq, il-prezzijiet tal-gass li jiġu ċċarġjati f'dawn iż-żewġ pajjiżi lill-klijenti domestiċi tagħhom ma jirriflettux il-valur tas-suq.

(45) Uħud mill-partijiet interessati allegaw, għalkemm mingħajr ma ssostanzjaw l-affermazzjoni tagħhom, li l-proċessi tal-produzzjoni Russi u Alġerini huma aktar simili għal dawk fil-Belarus u fl-Ukraina. L-Alġerija ġiet ukoll issuġġerita bħala li għandha livell ta' produzzjoni aktar simili għall-Ukraina. F'dan ir-rigward, irid jiġi enfasizzat li l-Belarus, l-Ukraina u l-Istati Uniti ta' l-Amerika kollha għandhom produtturi għal kollox integrati vertikalment, li żgur li mhux il-każ għall-Alġerija.

(46) Produttur Ukrajn li kkoopera ppropona lill-Bulgarija jew lir-Rumanija pjuttost milli l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Madankollu, il-proposta tiegħu ma ġietx sostanzjata. Barra minn hekk, fattur importanti kontra l-Bulgarija jew ir-Rumanija huwa li s-swieq domestiċi tagħhom huma żgħar b'numru limitat ta' manifatturi, kontra l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

(47) Għalhekk, l-investigazzjoni kkonfermat li l-Istati Uniti ta' l-Amerika kien pajjiż analogu xieraq. Diversi produtturi u assoċjazzjonijiet ta' produtturi fl-Istati Uniti ta' l-Amerika ġew ikkuntattjati u mistiedna jikkooperaw billi jimlew kwestjonarju. Produttur wieħed fl-Istati Uniti ta' l-Amerika kkoopera b'mod sħiħ fl-investigazzjoni. Għalhekk, il-kalkulazzjonijiet ġew ibbażati fuq l-informazzjoni verifikata mill-uniku produttur ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika li kkoopera, li pprovda tweġiba kompluta għall-kwestjonarju.

2.2.2. Il-Belarus

Rimarki preliminari

(48) L-uniku produttur fil-Belarus li kkoopera kien l-uniku produttur li jesporta minn dak il-pajjiż, iżda fl-RIP ma kellu l-ebda bejgħ ta' esportazzjoni lejn il-Komunità.

(49) Billi ma kienx hemm esportazzjonijiet lejn il-Komunità għal sejba rappreżentattiva ta' *dumping* matul l-RIP, u sabiex jiġi stabbilit jekk huwiex probabbli li jerġa' jkun hemm id-*dumping* jekk il-miżuri jiġu rrevokati, ġew eżaminati l-imġiba fl-ipprezzar tal-produttur li jesporta lejn l-Istati Uniti li kkoopera, is-suq uniku ta' l-esportazzjoni tiegħu, kif ukoll il-kapaċità tal-produzzjoni u l-ħażniet tiegħu. L-analiżi kienet ibbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mill-produttur li jesporta li kkoopera li ssemma fil-premessa (48).

Il-paragun

(50) Id-*data* mill-produttur li jesporta li kkoopera wriet li l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn il-pajjiżi terzi (l-Istati Uniti ta' l-Amerika) kienu aktar baxxi mill-valur normali mibni għall-Belarus. Fil-fatt, l-investigazzjoni stabbiliet li b'mod ġenerali, matul l-RIP, din id-differenza fil-prezzijiet varjat bejn 10 % u 15 %. Jekk il-miżuri jiġu rrevokati, dan jista' jindika probabbiltà ta' rikorrenza tad-*dumping* fuq l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità. Il-ħażniet u l-kapaċità tal-produzzjoni, kif ukoll paragun ta' dawn il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni mal-livell tal-prezzijiet prevalenti fil-Komunità, qed jiġu eżaminati aktar 'l isfel.

2.2.3. L-Ukraina

Rimarki preliminari

(51) Kien hemm żewġ produtturi li jesportaw li kkooperaw fl-investigazzjoni, iżda ħadd minnhom ma kellu bejgħ mill-esportazzjonijiet lejn il-Komunità matul l-RIP. M'hemm l-ebda indikazzjoni li fl-Ukraina kien hemm aktar produtturi li jesportaw.

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 2117/2005, l-Artikolu 2.

(52) Billi ma kienx hemm esportazzjonijiet lejn il-Komunità għal sejba rappreżentattiva ta' *dumping* matul l-RIP, u sabiex jiġi stabbilit jekk hux probabbli li jerġa' jkun hemm id-*dumping* jekk il-miżuri jiġu rrevokati, ġew eżaminati l-imġiba fl-ipprezzar tal-produttur li jesporta lejn l-Istati Uniti li kkoopera, is-suq uniku ta' l-esportazzjoni tiegħu, kif ukoll il-kapaċità tal-produzzjoni u l-ħażniet tiegħu. L-analiżi kienet ibbażata fuq l-informazzjoni pprovduta miż-żewġ produtturi li jesportaw li kkooperaw li ssemmew fil-premessa (51).

(53) Matul l-RIP, iż-żewġ produtturi li jesportaw li kkooperaw kienu jirrappreżentaw 48 % ta' l-importazzjonijiet fl-Istati Uniti ta' l-Amerika tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-Ukraina. Il-bqija ta' l-importazzjonijiet fl-Istati Uniti ta' l-Amerika li joriġinaw mill-Ukraina kienu wkoll prodotti minn wieħed mill-produtturi li kkooperaw, iżda ġew esportati min kumpanija Ukraina mhux relatata, li ma tipproduċix UAN.

Il-paragun

(54) Id-data mill-produtturi li jesportaw li kkooperaw uriet li l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lejn il-pajjiżi terzi kienu aktar baxxi mill-valur normali mibni għall-Ukraina. Fil-fatt, l-investigazzjoni stabbiliet li b'mod ġenerali, matul l-RIP, din id-differenza fil-prezzijiet varjat bejn 20 % u 30 %. Dan jista' jindika probabbiltà ta' rikorrenza ta' *dumping* fuq l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità jekk il-miżuri jiġu revokati. Il-ħażniet u l-kapaċità tal-produzzjoni, kif ukoll paragun ta' dawn il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni mal-livell prevalenti tal-prezzijiet fil-Komunità, qed jiġu eżaminati aktar 'l isfel.

2.2.4. Ir-Russja

Rimarki preliminari

(55) Żewġ produtturi li jesportaw li jappartjenu lill-istess grupp ta' kumpaniji kkooperaw fl-investigazzjoni, iżda l-ebda produttur li jesporta ma kellu bejgħ mill-esportazzjonijiet lejn il-Komunità matul l-RIP.

(56) Huwa magħruf li matul l-RIP fir-Russja kien hemm produttur wieħed li ma kkooperax fl-investigazzjoni. Għal dak(dawk) il-produttur(i) li jesporta(w) li ma kkooperax(kkooperawx), ġiet analizzata l-informazzjoni disponibbli mill-Eurostat u minn sorsi oħrajn. Fuq dik il-bażi nstab li l-esportazzjonijiet tal-UAN lejn il-Komunità għajr mill-produtturi li kkooperaw ukoll ma kinux jeżistu. Madankollu, għall-kumpanija li ma kkooperatx ma kien hemm l-ebda informazzjoni affidabbli dwar il-kapaċità tal-produzzjoni u l-volumi tal-produzzjoni, dwar il-ħażniet u dwar il-bejgħ. F'dan ir-rigward, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni li tgħid il-kontra, tqies li s-sejbiet għall-kumpanija li ma kkooperatx għandhom ikunu skond dawk stabbiliti għall-kumpaniji li kkooperaw.

(57) Billi ma kienx hemm esportazzjonijiet lejn il-Komunità għal sejba rappreżentattiva ta' *dumping* matul l-RIP, u sabiex jiġi stabbilit jekk huwiex probabbli li jerġa' jkun hemm id-*dumping* jekk il-miżuri jiġu revokati, ġew eżaminati l-imġiba fl-ipprezzar tal-produtturi li jesportaw lejn swieq oħra ta' l-esportazzjoni kif ukoll il-kapaċità tal-produzzjoni u l-ħażniet tagħhom. L-analiżi kienet ibbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mill-produtturi li jesportaw li kkooperaw li ssemmew fil-premessa (55).

Il-paragun

(58) Ġie eżaminat jekk l-ispejjeż marbuta mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott ikkunsidrat kinux riflessi b'mod raġjonevoli fir-reġistri tal-partijiet ikkonċernati. Rigward l-ispejjeż tal-gass instab li l-prezz domestiku tal-gass li ħallas mill-produtturi Russi kien madwar wieħed minn kull ħamsa tal-prezz ta' l-esportazzjoni tal-gass naturali mir-Russja. F'dan ir-rigward, id-*data* kollha disponibbli tindika li l-prezzijiet domestiċi tal-gass fir-Russja kienu prezzijiet irregolati, li huma ferm taħt il-prezzijiet tas-suq li ħallsu fis-swieq għall-gass naturali li mhumiex irregolati. Għalhekk, skond l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażi, l-ispejjeż tal-gass li ħallsu mill-produtturi Russi ġew aġġustati fuq il-bażi tat-tagħrif mill-iswieq rappreżentattivi l-oħrajn. Il-prezz aġġustat kien ibbażat fuq il-prezz medju tal-gass Russu meta dan inbiegħ għall-esportazzjoni fuq il-fruntiera Ġermaniża/Ċeka ("Waidhaus"), wara li ħallsu l-ispejjeż tat-trasport. Waidhaus, li huwa ċ-ċentru ewlieni għall-bejgħ tal-gass Russu lill-UE, u li huwa kemm l-ikbar suq għall-gass Russu kif ukoll għandu prezzijiet li jirriflettu l-ispejjeż b'mod raġonevoli, jista' jitqies bħala suq rappreżentattiv fit-tifsira ta' l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku.

(59) Il-bini tal-valur normali sar fuq il-bażi ta' l-ispejjeż tal-manifattura tat-tip ta' prodott esportat, wara l-aġġustament għall-ispiża tal-gass imsemmija fil-premessa (58), flimkien ma' ammont raġonevoli għall-ispejjeż SG&A u għall-qliegħ, skond l-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku.

(60) Fejn jirrigwarda l-Alġerija, l-ispejjeż SG&A u l-qliegħ ma setgħux jiġu stabbiliti fuq il-bażi tax-*chapeau* ta' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku, għaliex

il-manifatturi relatati ma kellhomx bejgħ domestiku rappreżentattiv tal-prodott ikkonċernat fl-andament ordinarju tan-negozju. L-Artikolu 2(6)(a) tar-Regolament bażiku ma setax jiġi applikat, peress li hemm biss dawn iż-żewġ produtturi li huma soġġetti għall-investigazzjoni. L-Artikolu 2(6)(b) ma kienx japplika lanqas, għaliex l-ispejjeż tal-manifattura għall-prodotti li jappartjenu lill-istess kategorija ġenerali ta' oġġetti wkoll jeħtieġ li jiġu aġġustati fejn għandhom x'jaqsmu l-ispejjeż tal-gass, għar-raġunijiet indikati fil-premessa (58) ta' aktar 'il fuq. Peress li nstab li kien impossibbli li jiġi stabbilit id-daqs ta' l-aġġustament meħtieġ għall-prodotti kollha li jagħmlu parti mill-istess kategorija ġenerali ta' l-oġġetti mibjugħa b'mod domestiku, huwa daqstant impossibbli li jiġi stabbiliti l-marġni ta' qliegħ wara tali aġġustament. Għalhekk, l-ispejjeż SG&A u l-qliegħ ġew stabbiliti skond l-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku.

(61) Bħal fil-każ ta' l-Alġerija u kif ġie spjegat fil-premessa (31) ta' aktar 'il fuq, l-ispejjeż SG&A u l-qliegħ ġew stabbiliti fuq il-bażi ta' l-ispejjeż SG&A u tal-qliegħ medji u mgħobbija (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) mill-istess tliet produtturi ta' l-Amerika ta' Fuq. Ta' min jinnota li l-ammont għall-qliegħ li ġie stabbilit b'dan il-mod ma kienx jaqbeż il-qliegħ li kellhom il-produtturi Russi fis-suq domestiku tagħhom fuq il-bejgħ tal-prodotti ta' l-istess kategorija ġenerali.

(62) Instab li l-bejgħ mill-esportazzjonijiet taż-żewġ produtturi li kkooperaw kien sar fuq il-bażi ta' ftehim aġent permezz ta' żewġ negozjanti relatati, b'wieħed jinstab fl-Iżvizzera u l-ieħor fil-Gżejjer Virgin Brittaniċi. Dan ta' l-aħħar waqaf jopera fil-bidu ta' l-2005. Il-prezz ta' l-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni li effettivament tħallsu jew li jistgħu jitħallsu lill-ewwel klijent indipendenti fl-Istat Uniti ta' l-Amerika, is-suq ta' l-esportazzjoni ewlieni tagħhom.

(63) Id-*data* miż-żewġ negozjanti relatati li kkooperaw uriet li l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lil pajjiżi terzi kienu aktar baxxi mill-valur normali mibni fir-Russja. Fil-fatt, l-investigazzjoni stabbiliet li b'mod ġenerali matul l-RIP din id-differenza fil-prezzijiet varjat bejn 2 % u 6 %. Dan jista' jindika probabbiltà ta' rikorrenza tad-*dumping* fuq l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità jekk il-miżuri jiġu rrevokati.

2.3. *Il-kapaċità żejda fil-Belarus, fir-Russja u fl-Ukraina*

(64) Ġew eżaminati wkoll l-effetti possibbli tal-kapaċità żejda eżistenti. La r-Russja u lanqas l-Ukraina m'għandhom suq domestiku rilevanti għall-UAN. Anzi, jitqies li l-Belarus għandha suq domestiku konsiderevoli għal dan il-prodott.

(65) Matul il-perjodu meqjus l-uniku produttur tal-Belarus irnexxielu jżid il-produzzjoni tiegħu b'14 %, u matul l-RIP kien qed jipproduċi qrib il-kapaċità sħiħa. Il-kapaċità tal-produzzjoni tiegħu matul l-istess perjodu baqgħet stabbli. Dan biegħ madwar 60 % tal-produzzjoni tiegħu fis-suq domestiku, bil-bqija tiġi esportata lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Għalhekk jidher li dan il-produttur m'għandu l-ebda kapaċità tal-produzzjoni żejda li tkun disponibbli malajr.

(66) L-uniku produttur Russu li kkoopera żied il-produzzjoni tiegħu bi 78 % matul il-perjodu meqjus. Il-kapaċità tal-produzzjoni tiegħu matul l-istess perjodu baqgħet stabbli. Madankollu, skond l-informazzjoni mressqa, dan il-produttur xorta waħda għad għandu kapaċità sinifikanti disponibbli ta' madwar 600 000 sa 700 000 tunnellata metrika sabiex iżid il-produzzjoni tiegħu tal-UAN, u, jekk il-miżuri jiġu revokati, jista' juża din il-kapaċità żejda sabiex iżid l-esportazzjonijiet lejn is-suq tal-Komunità. L-investiment li sar mill-kumpanija matul il-perjodu meqjus jissuġġerixxi żieda potenzjali oħra fil-kapaċità tal-produzzjoni. Huwa stmat li l-kapaċità ġenerali żejda Russa hija mill-inqas 600 000 sa 700 000 tunnellata metrika, li tikkostitwixxi madwar 20 % tal-konsum tal-Komunità. Matul il-perjodu meqjus l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi żdiedu b'79 %.

(67) Fl-istess ħin, il-bejgħ domestiku ta' l-uniku produttur Russu li kkoopera baqa' f'livell baxx, li bħala medja jirrappreżenta inqas minn 5 % tal-bejgħ totali. Peress li s-suq domestiku ma jistax jassorbi ż-żieda fil-produzzjoni, huwa probabbli li kwalunkwe żieda fil-produzzjoni tiġi esportata.

(68) Fejn jikkonċerna l-Ukraina, matul il-perjodu meqjus iż-żewġ produtturi li kkooperaw irnexxielhom iżidu l-produzzjoni bi tnax-il darba. Il-kapaċità tal-produzzjoni matul l-istess perjodu żdiedet bi kważi ħames darbiet. Barra minn hekk, għandhom kapaċità żejda konsiderevoli sabiex iżidu l-esportazzjonijiet lejn is-suq tal-Komunità f'volumi sinifikanti jekk il-miżuri jiġu revokati. Ġie stmat li l-kapaċità żejda ġenerali ta' l-Ukraina tammonta għal 700 000 sa 800 000 tunnellata metrika, li tikkostitwixxi madwar 20 % tal-konsum tal-Komunità. Matul il-perjodu meqjus l-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi terzi żdiedu bi tmien darbiet.

(69) Il-bejgħ domestiku Ukrajn baqa' f'livell baxx matul il-perjodu meqjus, li bħala medja jirrappreżenta inqas minn 2 % tal-bejgħ totali. Ta' min jinnota li t-tkabbir tas-suq domestiku ma jistax jassorbi ż-żieda fil-produzzjoni, u għalhekk huwa probabbli li kwalunwe żieda fil-produzzjoni tiġi esportata.

(70) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, jista' jiġi konkluż li l-produtturi li kkooperaw, ħlief għall-Belarus, għandhom kapaċità żejda sostanzjali sabiex iżidu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn is-suq tal-Komunità jekk il-miżuri jiġu revokati.

2.4. *Ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet ta' l-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi terzi u l-livell tal-prezzijiet prevalenti fil-Komunità*

(71) Ta' min jinnota li b'mod ġenerali, matul il-IP, il-livell tal-prezzijiet prevalenti tal-produtturi tal-Komunità fil-Komunità kien iktar baxx mil-livell tal-prezzijiet medji ta' l-esportazzjonijiet tal-produtturi li jesportaw lejn il-pajjiżi terzi tul l-RIP, speċjalment lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Dan jiġi spjegat bil-fatt li l-prezzijiet tal-gass, li jikkostitwixxu aktar minn 50 % ta' l-ispejjeż tal-manifattura, u b'hekk il-prezzijiet tal-UAN, kienu ogħla fl-Istati Uniti ta' l-Amerika milli fl-Ewropa u li l-UAN innegozjaw bi prezz ogħla fl-Istati Uniti ta' l-Amerika.

(72) Ta' min jinnota li l-prezzijiet ta' l-esportazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika bħala medja kienu iktar baxxi mill-valuri normali rispettivi, anke jekk il-livell tal-prezzijiet prevalenti fl-Istati Uniti kien ogħla mill-prezzijiet fil-Komunità. Għalhekk jista' jiġi konkluż li kwalunkwe bejgħ lejn is-suq tal-KE bil-wisq probabbli jkun bi prezzijiet soġġetti għal *dumping*.

2.5. *L-inċentiv sabiex il-bejgħ jiġi trasferit minn swieq oħra għall-Komunità*

(73) Rigward il-Belarus, hemm suq domestiku li qed jikber malajr fejn il-produttur uniku qed ibigħ żewġ terzi tal-produzzjoni tiegħu. Meta jitqies li matul l-RIP il-prezz domestiku kien inqas minn nofs il-prezz prevalenti fil-Komunità, hemm probabbiltà li deċiżjoni ekonomika razzjonali twassal lill-produttur tal-Belarus sabiex jidderieġi mill-ġdid lejn is-suq tal-Komunità kwantitajiet sinifikanti li bħalissa qed jinbiegħu fis-suq domestiku bi prezzijiet soġġetti għal *dumping*.

(74) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-produttur tal-Belarus li bħalissa qed jesporta t-terz li fadal lejn swieq oħra kieku jkollu vantaġġi konsiderevoli fl-ispejjeż tat-trasport meta minflok jesporta lejn il-Komunità, meta titqies il-qrubija tiegħu lejn il-fruntiera tal-Komunità meta mqabbel mas-swieq ta' l-esportazzjoni potenzjali l-oħra għall-produttur tal-Belarus bħalma huma l-Istati Uniti ta' l-Amerika, l-Arġentina jew l-Awstralja.

(75) Fir-rigward ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, hemm probabbiltà li l-produttur tal-Belarus jidderieġi mill-ġdid partijiet sinifikanti mill-bejgħ tiegħu lejn il-Komunità bi prezzijiet soġġetti għal *dumping*, jekk il-miżuri jiġu rrevokati, minħabba li hemm inċentivi ekonomiċi b'saħħithom.

Il-konklużjonijiet dwar l-imġiba probabbli ta' l-esportazzjonijiet għall-Belarus, għar-Russja u għall-Ukraina

(76) Kif diġà ġie spjegat fil-premessa (20), fin-nuqqas ta' esportazzjonijiet lejn il-Komunità matul l-RIP mill-Belarus, mir-Russja u mill-Ukraina, ma setax jiġi stabbilit id-*dumping* minn dawn il-pajjiżi fir-rigward ta' l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità. Madankollu, kif ġie spjegat fit-taqsima 2 ta' aktar 'il fuq, l-investigazzjoni wriet li fuq il-bażi tal-kalkulazzjonijiet li saru billi ntużat id-*data* li hija relatata ma' l-esportazzjonijiet effettivi minn dawn il-pajjiżi lejn is-suq ta' l-esportazzjoni ewlieni tagħhom, l-Istati Uniti ta' l-Amerika, kien hemm probabbiltà ta' rikorrenza tad-*dumping*.

3. Konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dumping

(77) Fuq il-bażi ta' l-analiżi li saret fit-Taqsimiet 1 sa 5 ta' aktar 'il fuq, qed jiġi konkluż li jekk il-miżuri jiġu rrevokati, hemm probabbiltà li produzzjoni supplimentari tiġi esportata lejn il-Komunità, jew li l-bejgħ li bħalissa qed jiġi esportat lejn il-pajjiżi barra l-Komunità jew li qed jinbiegħ fis-swieq domestiċi jiġi dirett mill-ġdid lejn is-suq tal-Komunità fi kwantitajiet sinifikanti. Huwa probabbli li dawn l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità se jsiru bi prezzijiet soġġetti għal *dumping*, b'mod partikolari sabiex jinkisbu mill-ġdid l-ishma tas-suq mitlufa fil-Komunità. Għalhekk jista' jiġi konkluż li, jekk il-miżuri jiġu rrevokati, l-esportazzjonijiet tal-futur lejn il-Komunità għandhom isiru fi kwantitajiet miżjuda u bi prezzijiet soġġetti għal *dumping*. Barra minn hekk, ta' min jinnota li s-swieq lil hinn mix-xtut huma soġġetti għal spejjeż ta' trasport ogħla mis-suq tal-Komunità, jiġifieri meta wieħed iqis il-bejgħ mill-pajjiżi ġirien, bħall-Belarus u l-Ukraina lill-Ewropa tal-Lvant jew lill-Alġerija għall-Ewropa ta' Isfel.

(78) Rigward l-importazzjonijiet fil-Komunità li joriġinaw mill-Alġerija, minħabba li dawn għadhom qed isiru bi prezzijiet soġġetti għal *dumping*, u wkoll fuq il-bażi ta' l-analiżi ta' aktar 'il fuq tal-kapaċitajiet żejda u l-paragun tal-livelli tal-prezzijiet, huwa probabbli li d-*dumping* mill-Alġerija se jkompli fil-futur. Meta jitqies li l-Komunità kienet l-uniku suq ta' l-esportazzjoni għall-Alġerija matul l-RIP, huwa ferm probabbli li l-esportaturi Alġerini jidderieġu l-volumi ta' l-esportazzjoni miżjuda tagħhom prinċipalment lejn dan is-suq.

(79) Fir-rigward ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, jiġi konkluż li hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni (mill-Alġerija) u ta' rikorrenza (mir-Russja, mill-Belarus u mill-Ukraina) tad-*dumping*, jekk il-miżuri jiġu rrevokati.

D. IL-ĦSARA

1. Id-definizzjoni ta' l-industrija tal-Komunità

(80) Fil-Komunità, il-prodott ikkonċernat jiġi manifatturat minn 12-il produttur li l-*output* tagħhom jikkostitwixxi l-produzzjoni totali tal-Komunità fit-tifsira ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(81) Ta' min jinnota li kif kien ipparagunat ma' l-investigazzjoni oriġinali, il-kumpaniji "Hydro Agri" ingħataw l-isem il-ġdid "Yara". Ħames kumpaniji saru parti mill-industrija tal-Komunità minħabba t-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-2004.

(82) Mit-12-il produttur tal-Komunità, 10 kumpaniji kkooperaw ma' l-investigazzjoni, li minnhom disa' ssemmew fit-talba għar-reviżjoni. Iż-żewġ produtturi li fadal ("produtturi Komunitarji oħrajn") baqgħu siekta. Għalhekk, l-10 produtturi li ġejjin ftiehmu li jikkooperaw:

— Achema AB (il-Litwanja),

— AMI Agrolinz Melamine International GmbH (l-Awstrija),

— DSM Agro (l-Olanda),

— Duslo AS (is-Slovakkja),

— Fertiberia SA (Spanja),

— Grande Paroisse SA (Franza),

— Lovochemie AS (ir-Repubblika Ċeka),

— Nitrogénművek Rt (l-Ungerija),

— SKW Stickstoffwerke Piesteritz GmbH (il-Ġermanja),

— Yara (l-Olanda, il-Ġermanja, l-Italja u r-Renju Unit).

(83) "Peress li matul l-RIP dawn l-10 produtturi tal-Komunità kienu jammontaw għal 75 % tal-produzzjoni totali tal-Komunità, għalhekk qed jitqies li l-10 produtturi tal-Komunità li ssemmew aktar 'il fuq jammontaw għal proporzjon kbir tal-produzzjoni totali tal-Komunità tal-prodott simili. Dawn għalhekk qed jitqies li jikkostitwixxu l-industrija tal-Komunità fit-tifsira ta' l-Artikolu 4(1) u ta' l-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku, u minn issa 'l quddiem se jissejħu l-'industrija tal-Komunità".

(84) Kif indikat taħt il-premessi (10), (15) u (16) t'aktar 'il fuq, ġie magħżul kampjun li jikkonsisti minn erba' kumpaniji. Il-produtturi kollha tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun ikkooperaw u bagħtu t-tweġibiet għall-kwestjonarju qabel ma skada ż-żmien. Barra minn hekk, il-produtturi li għamlu l-ilment li baqa' u l-produtturi li appoġġjaw l-investigazzjoni pprovdew kif kien xieraq ċerta data ġenerali għall-analiżi tal-ħsara.

2. Is-sitwazzjoni fis-suq tal-Komunità

2.1. *Il-konsum fis-suq tal-Komunità*

(85) Il-konsum tal-Komunità apparenti ġie stabbilit fuq il-bażi tal-volumi tal-bejgħ ta' l-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità, tal-volumi tal-bejgħ tal-produtturi l-oħra tal-Komunità fis-suq tal-Komunità, u tad-data tal-Eurostat għall-importazzjonijiet kollha ta' l-UE. Meta jitqies it-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-2004, u minħabba raġunijiet ta' ċarezza u ta' konsistenza ta' l-analiżi, il-konsum ġie stabbilit fuq il-bażi tas-suq ta' l-UE-25 matul il-perjodu meqjus kollu.

(86) Bejn l-2002 u l-RIP, il-konsum tal-Komunità żdied b'mod moderat bi 8 %. Iż-żieda rreġistrata fl-2004 hija prinċipalment attribwita lill-implimentazzjoni tal-politika agrikola komuni fl-Istati Membri l-ġodda wara l-adeżjoni tagħhom fl-Unjoni Ewropea. Mill-2004, il-bdiewa fl-Istati Membri l-ġodda kellhom finanzjament supplimentari disponibbli għalihom li wassal għal żieda fl-użu tal-fertilizzanti.

	2002	2003	2004	RIP
Il-konsum totali tal-KE f'tunnellati	3 425 381	3 579 487	3 740 087	3 694 532
Indiċi (2002 = 100)	100	104	109	108

2.2. *L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati*

2.2.1. L-akkumulazzjoni

(87) Fl-investigazzjoni oriġinali l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-Alġerija, mill-Belarus, mir-Russja u mill-Ukraina ġew ivvalutati b'mod kumulattiv skond l-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku. Ġie eżaminat jekk valutazzjoni kumulattiva kinitx ukoll xierqa fl-investigazzjoni attwaliattwali.

(88) F'dan ir-rigward, instab li ma kien hemm l-ebda importazzjoni tal-prodott ikkonċernat mill-Ukraina matul il-perjodu meqjus u l-ebda importazzjoni mill-Belarus u mir-Russja fl-2004 u matul l-RIP. Għalhekk, il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku sabiex jiġu vvalutati b'mod kumulattiv l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat minn dawn il-pajjiżi ma' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mill-Alġerija ma ġewx issodisfatti.

(89) Fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, tqies li l-erba' pajjiżi kollha għandhom jiġu eżaminati b'mod separat.

2.2.2. Il-volum, is-sehem tas-suq u l-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet minn kull wieħed mill-pajjiżi kkonċernati

(90) Fejn jirrigwarda t-tliet pajjiżi kkonċernati b'esportazzjonijiet lejn il-Komunità matul il-perjodu meqjus, il-volumi, l-ishma tas-suq u l-prezzijiet medji skond il-pajjiż żviluppaw kif ġie stabbilit aktar 'l isfel. Il-kwantità u t-tendenzi tal-prezzijiet li ġejjin huma bbażati fuq l-Eurostat.

	2002	2003	2004	RIP
Il-volum ta' l-importazzjonijiet mill-Alġerija (tunnellati)	97 378	239 348	219 680	177 383
Is-sehem tas-suq	2,8 %	6,7 %	5,9 %	4,8 %
Il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-Alġerija (Euro/tunnellata)	96	99	117	131
Il-volum ta' l-importazzjonijiet mill-Belarus (tunnellati)	101 479	44 438	—	—
Is-sehem tas-suq	3,0 %	1,2 %	—	—
Il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-Belarus (Euro/tunnellata)	74	64	—	—
Il-volum ta' l-importazzjonijiet mir-Russja (tunnellati)	81 901	81 809	—	—
Is-sehem tas-suq	2,4 %	2,3 %	—	—
Il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mir-Russja (Euro/tunnellata)	64	70	—	—

(91) Il-volum ta' l-importazzjonijiet mill-Alġerija, għalkemm naqas bi ftit mill-2003 'il quddiem, kiseb 2 punti perċentwali oħra mis-sehem tas-suq matul il-perjodu meqjus, waqt li l-prezzijiet żviluppaw b'mod pożittiv minn 96 għal 131 Euro/tunnellata metrika. Rigward il-Belarus u r-Russja, il-volumi ta' l-importazzjonijiet rispettivi tagħhom naqsu sostanzjalment u komplew jonqsu mill-2004 'il quddiem.

(92) L-investigazzjoni wriet li matul l-RIP l-importazzjonijiet mill-Alġerija ma kinux bi prezzijiet taħt il-prezzijiet normali ta' l-industrija tal-Komunità. Rigward il-pajjiżi li jifdal, fin-nuqqas ta' importazzjonijiet matul l-RIP, paragun bejn il-prezzijiet ta' l-esportazzjonijiet tagħhom lejn il-pajjiżi terzi matul l-RIP u l-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità ukoll ma wera l-ebda tnaqqis fil-prezzijiet taħt il-prezz normali.

2.3. *L-importazzjonijiet mill-pajjiżi l-oħra*

(93) Il-volumi ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi l-oħra matul il-perjodu meqjus jintwerew fit-tabella ta' hawn taħt. Il-kwantità u t-tendenzi tal-prezzijiet li ġejjin huma wkoll ibbażati fuq l-Eurostat.

	2002	2003	2004	RIP
Il-volum ta' l-importazzjonijiet mir-Rumanija (tunnellati)	69 733	79 137	257 113	142 288
Is-sehem tas-suq	2 %	2,2 %	6,9 %	3,9 %
Il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mir-Rumanija (Euro/tunnellata)	94	102	112	123
Il-volum ta' l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti (tunnellati)	26 024	57	20	6
Is-sehem tas-suq	0,7 %	0,0 %	0,0 %	0,0 %
Il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti ta' l-Amerika (Euro/tunnellata)	86	289 (*)	1 101 (*)	1 664 (*)

(*) Minħabba l-kwantitajiet negliġibbli, dawn il-prezzijiet ma jistgħux jitqiesu li huma affidabbli.

94) Fil-każ tar-Rumanija, fl-2004 ġiet irreġistrata żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet fejn kisbet sehem tas-suq ta' 6,9 %, li madankollu niżel għal 3,9 % matul l-RIP minkejja l-kondizzjonijiet favorevoli tas-suq tal-Komunità. Dan l-iżvilupp għandu jitqies fl-isfond taż-żieda f'daqqa ta' l-esportazzjonijiet Rumeni lejn is-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, li, f'termini ta' volum, kienu jirrappreżentaw aktar minn tliet darbiet il-volumi ta' l-esportazzjonijiet Rumeni lejn il-Komunità matul l-RIP. Fir-rigward tal-prezzijiet, dawn żdiedu b'mod stabbli matul il-perjodu meqjus kollu u kienu ogħla b'mod konsistenti mill-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun fl-2004 u fl-IP. Fuq din il-bażi, mhux qed jitqies li l-produtturi li jesportaw Rumeni jistgħu jikkostitwixxu theddida ta' ħsara materjali għall-industrija tal-Komunità. L-importazzjoni mill-Istati Uniti, li fl-2002 kellha biss sehem tas-suq ta' 0,7 %, naqset b'mod drammatiku għal 6 tunnellati metriċi matul l-RIP. Din it-tendenza tirrifletti l-fatt li sat-tmiem ta' l-RIP il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Istati Uniti ta' l-Amerika kienu ogħla mill-prezzijiet tal-bejgħ għall-KE, b'tali mod li ma kien hemm l-ebda inċentiv għall-produtturi ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika sabiex jesportaw lejn il-KE.

(95) L-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Importazzjoni tal-Fertilizzanti ("EFIA") argumentat li peress li l-esportazzjonijiet Rumeni għas-suq Komunitarju ma kinux ta' theddida ta' ħsara materjali għalkemm iż-żieda tagħhom fil-volum hi ogħla minn dawk ta' l-esportazzjonijiet Alġerini u l-prezzijiet tagħhom anqas minn dawk mitluba mill-esportaturi Alġerini, daqstant l-esportazzjoniiet Alġerini m'għandhomx ikunu theddida għal ħsara materjali. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li tassew għall-Alġerija, kif indikat fil-premessa (92) ta' hawn fuq, li ma nstab l-ebda bejgħ bi prezz aktar baxx u l-Alġerija nstabet li ma kkaġuntat l-ebda ħsara materjali għall-industrija Komunitarja tul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, l-analiżi għal dak il-pajjiż, żviluppat fit-taqsima 4 ta' hawn taħt, uriet li seta' jkun hemm ripetizzjoni tal-ħsara. Min-naħa l-oħra, peress li d-doveri ta' l-anti-dumping ma kinux applikabbli għall-importazzjonijiet tal-UAN li oriġinaw mir-Rumanija, dan il-pajjiż mhux suġġett għal test ta' ripetizzjoni tad-dannu skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Fuq din il-bażi, l-argument ġie rrifjutat.

3. **Is-sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija tal-Komunità**

(96) Skond l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi ekonomiċi u l-indiċi rilevanti kollha li jistgħu jaffettwaw l-istat ta' l-industrija tal-Komunità.

3.1. *Rimarki preliminari*

(97) Minħabba l-fatt li ntuża t-teħid ta' kampjun fir-rigward ta' l-industrija tal-Komunità, il-ħsara ġiet ivvalutata kemm fuq il-bażi ta' l-informazzjoni miġbura fuq il-livell ta' l-industrija tal-Komunità kollha (is-'C.I.' fit-tabelli mehmuża) u fuq il-bażi ta' l-informazzjoni miġbura fuq il-livell tal-produtturi tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun (l-'S.P.' fit-tabelli mehmuża).

(98) Meta jsir rikors għat-teħid ta' kampjuni, skond il-prattika stabbilita, ċerti indikaturi ta' ħsara (il-produzzjoni, il-kapaċità, il-produzzjoni, il-ħażniet, il-bejgħ, is-sehem tas-suq, it-tkabbir u l-impjiegi) jiġu analizzati għall-industrija tal-Komunità kollha kemm hi, filwaqt li dawk l-indikaturi ta' ħsara li huma relatati mar-rendiment tal-kumpaniji individwali, jiġifieri l-prezzijiet, l-ispejjeż tal-produzzjoni, il-profitabilità, il-pagi, l-investimenti, il-qliegħ fuq l-investimenti, id-dħul u l-ħruġ tal-flus, l-abbiltà li jiġbru kapital ġew eżaminati fuq il-bażi ta' l-informazzjoni miġbura fil-livell tal-produtturi tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun.

3.2. *Id-data li tirrelata ma' l-industrija tal-Komunità kollha kemm hi*

(a) Il-produzzjoni

(99) Il-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità żdiedet b'5 % bejn l-2002 u l-RIP, jiġifieri minn livell ta' madwar 2,8 miljuni tunnellati metriċi fl-2002 għal livell ta' madwar 3 miljun tunnellata metrika fl-RIP. Speċifikament, il-produzzjoni naqset bi 3 % fl-2003, qabel ma żdiedet b'2 punti perċentwali fl-2004 u b'7 punti perċentwali oħra fl-RIP.

	2002	2003	2004	RIP
Il-produzzjoni tas-C.I. (tunnellati)	2 843 529	2 768 258	2 823 972	3 003 918
Indiċi (2002 = 100)	100	97	99	106

Sors : Dawk li għamlu l-ilment, it-tweġibiet għall-kwestjonarju tat-teħid ta' kampjuni u t-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju.

(b) Il-kapaċità u r-rati ta' l-użu tal-kapaċità

(100) Il-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet prattikament stabbli matul il-perjodu meqjus kollu. Minħabba t-tkabbir fil-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità li jirriżulta żdied, minn livell ta' 57 % fl-2002 għal livell ta' 60 % fl-RIP. Kif diġà ġie nnotat fl-investigazzjoni oriġinali, l-użu tal-kapaċità għal din it-tip ta' produzzjoni u għal dan it-tip ta' industrija jista' jiġi affettwat bil-produzzjoni ta' prodotti oħra li jistgħu jiġu prodotti bl-istess tagħmir tal-produzzjoni.

	2002	2003	2004	RIP
Il-kapaċità tal-produzzjoni tas-C.I. (tunnellati)	4 984 375	4 944 575	4 941 975	4 955 075
Indiċi (2002 = 100)	100	99	99	99
L-użu tal-kapaċità tas-C.I.	57 %	56 %	57 %	61 %
Indiċi (2002 = 100)	100	98	100	106

(c) Il-ħażniet

(101) Il-livell tal-ħażniet ta' l-għeluq ta' l-industrija tal-Komunità żdied progressivament matul il-perjodu meqjus kollu. Fit-tmiem tar-RIP (it-30 ta' Ġunju 2005), il-livell tal-ħażniet kien relattivament baxx, iżda dan huwa minħabba l-fatt li għal dan it-tip ta' prodott, il-livelli tal-ħażniet ikun dejjem ferm aktar baxx fis-Sajf milli fix-Xitwa, peress li l-iktar bejgħ isir fir-Rebbiegħa u fl-ewwel jiem tas-Sajf. Sa tmiem l-2004, il-livell tal-ħażniet kien 13 % ogħla milli sa tmiem l-2002.

	2002	2003	2004	RIP
Il-ħażniet ta' l-għeluq tas-C.I. (tunnellati)	276 689	291 085	313 770	159 926
Indiċi (2002 = 100)	100	105	113	58

(d) Il-volum tal-bejgħ

(102) Il-bejgħ mill-industrija tal-Komunità fis-suq tal-Komunità naqas bi 3 % bejn l-2002 u l-RIP. Dan l-iżvilupp imur kontra l-evoluzzjoni tal-konsum fis-suq tal-Komunità, li żdied bi 8 % matul l-istess perjodu (ara l-premessa (86) ta' aktar 'il fuq). Iż-żieda ġenerali fil-volumi tal-produzzjoni tiġi spjegata mir-rendiment qawwi ta' l-esportazzjonijiet ta' l-industrija tal-Komunità matul l-istess perjodu. It-tabella ta' hawn taħt turi l-volumi ta' l-esportazzjoni tal-prodotturi tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun, li d-destinazzjoni prinċipali tagħhom kienet is-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

	2002	2003	2004	RIP
Il-volum tal-bejgħ tal-KE tas-CI (tunnellati)	2 800 226	2 641 000	2 604 215	2 722 174
Indiċi (2002 = 100)	100	94	93	97
Il-volum tal-bejgħ tas-S.P. lill-pajjiżi terzi (tunnellati)	176 269	194 543	228 937	328 796
Indiċi (2002 = 100)	100	110	130	187

(e) Is-sehem tas-suq

(103) Is-sehem tas-suq miżmum mill-industrija tal-Komunità naqas sostanzjalment bejn l-2002 u l-RIP. Speċifikament, l-industrija tal-Komunità tilfet 8 punti perċentwali tas-sehem tas-suq matul il-perjodu meqjus, waqt li l-prodotturi Alġerini żiedu s-sehem tas-suq tagħhom minn 2,8 % għal 4,8 % matul l-istess perjodu.

	2002	2003	2004	RIP
Is-sehem tas-suq ta' l-industrija tal-Komunità	81,7 %	73,8 %	69,6 %	73,7 %
Indiċi (2002 = 100)	100	90	85	90

(f) It-tkabbir

(104) L-industrija tal-Komunità għalhekk tilfet parti sinifikanti mis-sehem tas-suq tagħha, għall-benefiċċju tal-prodotturi Alġerini, Rumeni u prodotturi oħra Komunitarji li kisbu sehem tas-suq matul l-istess perjodu.

(105) It-telf tas-sehem fis-suq jista' jiġi attribwit ukoll għad-deċiżjoni razzjonali magħmula mill-industrija Komunitarja biex iżżid l-esportazzjonijiet tagħha lejn is-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika sabiex tibbenefika mill-prezziiet ħafna aktar ogħla tal-UAN li jiddominaw f'dak is-suq. Madankollu, fid-dawl tal-kapaċità ta' produzzjoni żejda kbira, l-industrija Komunitarja ma tistax tibbenefika mit-tkabbir tas-suq Komunitarju li ġie osservat tul il-perjodu kkunsidrat.

(g) L-impjiegi

(106) Il-livell ta' l-impjiegi ta' l-industrija tal-Komunità żdied b'5 % bejn l-2002 u r-RIP. Din iż-żieda relattivament żgħira għandha tiġi attribwita prinċipalment lir-rendiment imtejjeb ta' l-esportazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità.

	2002	2003	2004	RIP
Il-prodott ta' l-impjiegi ikkonċernat tas-C.I.	827	819	790	867
Indiċi (2002 = 100)	100	99	96	105

(h) Il-produttività

(107) Il-produttività tal-forza tax-xogħol ta' l-industrija tal-Komunità, imkejla bħala *riżultat* għal kull persuna impjegata fis-sena, baqgħet pjuttost stabbli bejn l-2002 u l-RIP.

	2002	2003	2004	RIP
Il-produttività tas-C.I. (tunnellati għal kull impjegat)	3 437	3 380	3 573	3 463
Indiċi (2002 = 100)	100	98	104	101

(i) Il-kobor tal-marġni tad-dumping

(108) Rigward l-impatt tal-kobor tal-marġni effettiv tad-*dumping* fuq l-industrija tal-Komunità, meta jitqies il-volum ta' l-importazzjonijiet mill-Alġerija (li jammonta għal 6,7 % tas-suq Komunitarju tul il-perjodu kkunsidrat), dan l-impatt ma jistax jitqies li huwa negliġibbli, speċjalment f'suq ferm volatili f'termini ta' prezzijiet bħal dak tal-prodott ikkonċernat. Ma tista' tinġibed l-ebda konklużjoni rigward il-Belarus, ir-Russja u l-Ukraina minħabba li l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi kienu waqfu fl-2003.

3.3. Id-data li tirrelata mal-produtturi tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun

(a) Il-prezzijiet tal-bejgħ u l-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet domestiċi

(109) Il-prezz tal-bejgħ medju u nett tal-produtturi ta' l-industrija tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun żdied sostanzjalment fl-2004 u fl-RIP, b'hekk jirrifletti l-kondizzjonijiet tas-suq internazzjonali favorevoli u prevalenti tal-prodott ikkonċernat matul l-istess perjodu. Din it-tendenza li qed tikber għandha titqies flimkien ma' l-evoluzzjoni simili ta' l-ispiża tal-materja prima prinċipali, jiġifieri l-gass, kif turi t-tabella ta' hawn taħt.

	2002	2003	2004	RIP
Il-prezz ta' l-unità fis-suq tal-KE tas-S.P. (EUR/tunnellata)	85	89	109	114
Indiċi (2002 = 100)	100	105	128	134
Il-prezz tal-gas tas-S.P./MBTU (indiċjat)	100	107	111	126

(b) Il-pagi

(110) Bejn l-2002 u r-RIP, il-paga medja għal kull impjegat żdiedet b'9 %, kif turi t-tabella ta' hawn taħt.

	2002	2003	2004	RIP
L-ispiża annwali tax-xogħol tas-S.P. għal kull impjegat (000 EUR)	23,4	25,4	27,0	25,6
Indiċi (2002 = 100)	100	108	115	109

(c) L-investimenti

(111) Il-fluss annwali ta' l-investimenti fil-prodott ikkonċernat li saru mill-erba' produtturi li ttieħdu bħala kampjun żviluppaw b'mod pożittiv matul il-perjodu meqjus. Dawn l-investimenti kienu jirreferu prinċipalment għas-sostituzzjoni tal-magni qodma. Dan juri l-isforzi ta' l-industrija tal-Komunità sabiex ittejjeb kontinwament il-produttività u l-kompetittività tagħha. Madankollu, ir-riżultati mhumiex apparenti fl-evoluzzjoni tal-produttività li baqgħet pjuttost stabbli (ara l-premessa (107) t'aktar 'il fuq) matul l-istess perjodu, li b'hekk tirrifletti d-diffikultajiet ta' l-industrija tal-Komunità sabiex iżżid l-*output* tal-produzzjoni tagħha.

	2002	2003	2004	RIP
L-investimenti netti tas-S.P. (000 EUR)	12 512	20 087	12 611	17 047
Indiċi (2002 = 100)	100	161	101	136

(d) Il-profitabilità u l-qliegħ fuq l-investimenti

(112) Il-profitabilità tal-produtturi li ttieħdu bħala kampjun turi titjib gradwali l-aktar mill-2003 lil hawn u laħqet il-livell ta' 13,8 % matul l-RIP. Fi tmiem il-perjodu meqjus, il-profitabilità laħqet l-ogħla livell tagħha fuq dan is-suq ċikliku tal-prezzijiet. Fil-fatt, għadd ta' fatturi, inklużi dawk esterni jistgħu jaffettwaw il-prezzijiet tas-swieq dinjija għall-UAN u għal fertilizzanti nitroġeniċi oħra. Fatturi bħal dawn jistgħu jirriżultaw jew fi provvista supplimentari jew f'domanda mnaqqsa għal dawn il-prodotti, biex b'hekk jiġi influwenzat l-ipprezzar tal-prodott. Matul il-perjodu meqjus, minħabba l-provvista ristretta, il-prezzijiet tas-swieq dinjija telgħu 'l fuq. Madankollu fl-2002 u fl-2003, il-livelli tal-qliegħ li nstabu kienu moderati u taħt il-livelli meqjusa bħala raġonevoli mill-industrija tal-Komunità minħabba li din l-industrija b'intensità ta' kapital għolja. Il-qliegħ fuq l-investimenti (ROI), espressi bħala l-qliegħ f'persentaġġ tal-valur nett kif imniżżel fil-kotba ta' l-investiment, segwa b'mod wiesa' t-tendenza tal-profitabiltà t'aktar 'il fuq matul il-perjodu meqjus kollu.

	2002	2003	2004	RIP
Il-profitabilità tas-S.P., tal-bejgħ tal-KE lill-klijenti mhux relatati fil-KE (% tal-bejgħ nett)	8,1 %	6,0 %	12,3 %	13,8 %
Indiċi (2002 = 100)	100	74	151	170
Ir-ROI tas-S.P. (qliegħ f'% tal-valur nett kif imniżżel fil-kotba ta' l-investiment)	22 %	24 %	50 %	58 %
Indiċi (2002 = 100)	100	111	229	265

(e) Id-dħul u l-ħruġ tal-flus u l-abbiltà li jinġabar kapital

(113) Id-dħul u l-ħruġ tal-flus żdied b'mod sinifikanti matul il-perjodu meqjus. Dan l-iżvilupp huwa skond l-iżvilupp tal-profitabilità ġenerali matul il-perjodu meqjus.

	2002	2003	2004	RIP
Id-dħul u l-ħruġ tal-flus tas-S.P. (000 EUR)	23 532	19 625	39 767	50 823
Indiċi (2002 = 100)	100	83	169	216

(114) L-investigazzjoni ma żvelat l-ebda diffikultà li ltaqgħu magħha l-produtturi tal-Komunità li ttieħdu bħala kampjun sabiex jiġbru kapital. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li peress li diversi minn dawn il-kumpaniji jiffurmaw parti minn gruppi kbar, dawn jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom fil-grupp li jappartjenu għalih jew permezz ta' skemi ta' ġabra ta' flus kontanti jew permezz ta' self fi ħdan il-grupp stess li jingħata mill-kumpaniji prinċipali.

3.4. *Konklużjoni*

(115) Bejn l-2002 u r-RIP, l-indikaturi li ġejjin żviluppaw b'mod pożittiv: il-volum tal-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità żdied, il-prezzijiet tal-bejgħ għal kull unità ta' l-industrija tal-Komunità żdiedu u l-profitabiltà tjiebet sostanzjalment bħall-prezzijiet. L-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi terzi żdiedu u l-qliegħ fuq l-investiment u d-dħul u l-ħruġ tal-flus evolvew b'mod pożittiv ukoll. Il-pagi żviluppaw b'mod moderat u l-industrija tal-Komunità kompliet tinvesti.

(116) Bil-maqlub, l-indikaturi li ġejjin żviluppaw b'mod negattiv: il-volumi tal-bejgħ naqsu bi 3 % bil-maqlub ta' suq li qed jikber. Għalhekk, is-sehem tas-suq ta' l-industrija tal-Komunità naqas b'mod sostanzjali bi 8 punti perċentwali matul il-perjodu meqjus. Il-produttività baqgħet pjuttost stabbli minkejja l-isforzi ta' l-industrija tal-Komunità sabiex ittejjibha permezz ta' l-investimenti.

(117) B'mod ġenerali, is-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità tjiebet b'mod sinifikanti meta mqabbla mas-sitwazzjoni tagħha qabel l-impożizzjoni tal-miżuri *anti-dumping* fuq l-importazzjonijiet tal-UAN mill-pajjiżi kkonċernati fis-sena 2000. Għalhekk jidher ċar li dawn il-miżuri kellhom impatt pożittiv fuq is-sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija tal-Komunità. Madankollu, ta' min jenfasizza li l-iżvilupp pożittiv ta' ċerti indikaturi jista' jiġi attribwit parzjalment ukoll għas-suq tal-prodott simili, li kien, minħabba l-provvista limitata dinjija, tassew favorevoli matul l-aħħar sentejn tal-perjodu meqjus. Barra minn hekk, l-iżvilupp pożittiv tar-rendiment ta' l-esportazzjonijiet ta' l-industrija tal-Komunità wkoll ikkontribwixxa għall-evoluzzjoni pożittiva ġenerali ta' l-industrija tal-Komunità li sa ċertu punt tikkontrobilanċja s-sehem tas-suq fil-Komunità li qed jonqos.

(118) Qed jiġi għalhekk konkluż li s-sitwazzjoni ta' l-industrija tal-Komunità tjiebet, meta mqabbla mal-perjodu li ġie qabel l-impożizzjoni tal-miżuri, iżda għadha fraġli.

4. **Il-probabbiltà ta' rikorrenza tal-ħsara**

4.1. *Ġenerali*

(119) Peress li m'hemm l-ebda kontinwazzjoni ta' ħsara materjali li ġiet ikkawżata mill-importazzjonijiet mill-erba' pajjiżi kkonċernati, l-analiżi ffokat fuq il-probabbiltà ta' rikorrenza tal-ħsara. F'dan ir-rigward, ġew analizzati ż-żewġ parametri prinċipali: (i) l-ispiża tal-gass fil-pajjiżi kkonċernati u l-impatt tagħha fuq l-ispiża tal-produzzjoni tal-UAN u (ii) l-effett tal-volumi ta' l-esportazzjonijiet previsti mill-pajjiżi kkonċernati lejn il-Komunità fuq l-industrija tal-Komunità, meta jitqiesu l-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni.

4.2. *L-evoluzzjoni probabbli tal-prezzijiet tal-bejgħ: Il-prezzijiet tal-gass u l-ispiża tal-produzzjoni fil-pajjiżi kkonċernati*

(120) Il-probabbiltà tar-rikorrenza tal-ħsara se tiddependi ferm fuq l-evoluzzjoni probabbli tal-prezzijiet tal-UAN. Minħabba li l-gass, mingħajr dubju, huwa l-aktar element ta' nefqa importanti li jirrappreżenta iktar minn 50 % ta' l-ispiża tal-produzzjoni tal-UAN meta jinxtara bil-prezzijiet tas-swieq dinjija, u għalhekk huwa fattur determinanti fil-prezz tal-bejgħ tal-UAN. L-ispiża tal-gass fil-produzzjoni tal-UAN tiddependi fuq l-użu ta' l-effiċjenza tal-gass u fuq il-prezz ta' l-unità. Saret analiżi ta' dawn iż-żewġ parametri fl-ispiża tal-produzzjoni tal-UAN għall-industrija tal-Komunità, min-naħa waħda, u għar-Russja u għall-Alġerija, min-naħa l-oħra.

(121) Minn din l-analiżi l-ewwelnett intwera li l-effiċjenza tal-gass hija fattur importanti sabiex tiġi stabbilita l-ispiża tal-gass għal kull tunnellata metrika ta' UAN prodotti. F'dan ir-rigward, instab li l-effiċjenza tal-gass ta' l-industrija tal-Komunità kienet relattivament għolja, fejn tilħaq sa 15 % ta' konsum inqas ta' gass għal kull tunnellata metrika ta' UAN prodotti minn dik tal-produtturi fir-Russja u fl-Alġerija. Dan huwa r-riżultat ta' l-isforzi ta' l-industrija tal-Komunità sabiex ittejjeb kontinwament il-produttività u l-kompetittività tagħha permezz ta' investimenti xierqa li jeħtieġu influss kapital annwali li bejn wieħed u ieħor jammonta għal terz ta' l-assi netti totali tagħha kif imniżżla fil-kotba. Dan il-vantaġġ komparattiv għandu jkun ta' benefiċċju għall-industrija tal-Komunità u għandu jirriżulta fi spiża tal-produzzjoni aktar baxxa tal-UAN.

(122) Minkejja din l-effiċjenza, l-industrija tal-Komunità tispiċċa bi spiża ta' gass għal kull tunnellata metrika ta' UAN prodotti li tkun madwar tliet darbiet ogħla minn dik tar-Russja u ta' l-Alġerija minħabba d-differenza fil-prezz tal-gass. Il-prezzijiet tal-gass baxxi b'mod artifiċjali f'dawn iż-żewġ pajjiżi jispjegaw b'mod sħiħ id-differenza. Id-differenza fil-prezzijiet konsegwenti tal-UAN f'dawn iż-żewġ pajjiżi, meta mqabbla mal-produtturi li jixtru l-gass bi prezzijiet tas-suq dinji, bħal dawk fil-Komunità, mhux probabbli li se titnaqqas fil-futur qrib. Bil-maqlub,

jekk il-mudell attwali fl-iżvilupp tal-prezzijiet tal-gass tas-suq dinji fis-snin li ġejjin jinżamm, dan id-distakk jista' jitwessa' iżjed. Fuq din il-bażi, qed jitqies li l-produtturi fir-Russja u fl-Alġerija se jkomplu jkollhom dan il-vantaġġ fl-ispiża artifiċjali, li jegħleb sew l-ispejjeż għolja tat-trasport minħabba l-piż tal-UAN. Dan jagħmel lis-suq tal-Komunità attraenti għall-produtturi anki dawk li jinstabu f'żoni mbiegħda f'dawn il-pajjiżi li jkollhom iħallsu spejjeż tat-trasport li jkunu ogħla minn 20 % tal-prezz.

(123) Fid-dawl ta' dawk il-prezzijiet baxxi tal-gass, huwa probabbli li l-produtturi li jesportaw fir-Russja u fl-Alġerija għalhekk se jkollhom il-possibbiltà li jesportaw il-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità bi prezzijiet aktar baxxi mill-ispiża tal-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità. Għalhekk, huwa ferm probabbli li dawk l-importazzjonijiet ikunu sostanzjalment aktar baxxi mill-prezzijiet tas-CI.

(124) Rigward il-Belarus u l-Ukraina, dawn mhumiex inklużi f'din l-analiżi peress li għall-iskop ta' din l-investigazzjoni t-tnejn tqiesu bħala pajjiżi b'ekonomija mhux tas-suq, u għalhekk id-data tagħhom dwar l-ispiża tal-produzzjoni ma ġietx mitluba. Madankollu, ġiet akkwistata d-data speċifika dwar il-prezzijiet tal-gass f'dawn iż-żewġ pajjiżi, u l-investigazzjoni wriet li fl-RIP il-produtturi f'dawn il-pajjiżi kienu qed jiġu fornuti b'gass bi prezzijiet li kienu sostanzjalment aktar baxxi minn dawk li kienu qed jiġu ċċarġjati lill-industrija tal-Komunità. Għalhekk qed jitqies li ż-żewġ pajjiżi se jkollhom l-istess possibbiltà li jesportaw il-prodott ikkonċernat bi prezzijiet aktar baxxi mill-ispiża tal-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità, u jista' jiġi konkluż ukoll li hemm probbabbiltà li dawk il-prezzijiet ikunu aktar baxxi mill-prezzijiet tas-CI.

(125) Jekk dawn il-miżuri jiskadu, il-fatt li l-esportaturi tal-Belarus, tar-Russja u ta' l-Ukraina jkollhom il-ħtieġa jistabbilixxu rwieħhom mill-ġdid fis-suq tal-Komunità u li l-esportaturi Alġerini jkollhom il-ħtieġa li jsaħħu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq, jista' jsostni wkoll il-probabbiltà li dawk il-produtturi jiċċarġjaw prezzijiet aktar baxxi mis-CI sabiex jiksbu mill-ġdid is-sehem tas-suq mitluf jew iwessgħu l-bażi tal-klijenti tagħhom.

(126) L-EFIA u ċerti produtturi li jesportaw argumentaw li spejjeż aktar baxxi tal-produzzjoni ma setgħux jiġu kkunsidrati bħala raġuni valida biex jiġġustifikaw l-probabbiltà ta' ripetizzjoni ta' ħsara. Ġie sottomess ukoll li l-possibbiltà li jitnaqqsu l-prezzijiet ma kinetx l-istandard legali biex jiġi stabbilit jekk kienx probabbli li tiġi rripetuta l-ħsara. Barra minn hekk, l-Alġerija talbet prezzijiet ogħla mill-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja u l-Belarus, ir-Russja u l-Ukraina ma esportaw xejn lejn il-Komunità fl-2004 u l-RIP u l-prezzijiet tagħhom lejn il-pajjiżi terzi kienu ogħla mill-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja, li huma kkunsidrati bħala li ma jagħmlux ħsara. Din ix-xhieda se turi, skond l-EFIA, li l-produtturi li jesportaw mhumiex qegħdin jistriehu fuq l-ispejjeż aktar baxxi tal-gass billi jiffissaw prezzijiet aktar baxxi, iżda bil-maqlub, jitolbu prezzijiet ogħla u pjuttost jippruvaw ikabbru l-marġni tal-qliegħ tagħhom.

(127) Il-ħsieb wara t-twaqqif ta' probabbiltà ta' ripetizzjoni ta' ħsara hu tabilħaqq jekk l-iskadenza tal-miżuri joħloqx kondizzjonijiet li jħeġġu r-ripetizzoni tal-ħsara. F'dan ir-rigward, fil-bidu għandu jiġu nnutat li, kif il-partijiet jagħrfu, il-produtturi li jesportaw fil-pajjiżi kkonċernati jibbenefikaw minn prezzijiet tal-gass baxxi, li joffrulhom id-diskrezzjoni li jwaqqgħu l-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja. Min-naħa l-oħra, l-istħarriġ wera li l-esportazzjonijiet tagħhom tul l-RIP kienu *dumped*. Din l-imġiba tal-prezzijiet dehret fid-dawl ta' i) il-kapaċità żejda ta' esportazzjoni sinifikanti ta' l-esportaturi, u ii) l-ispejjez sostanzjalment aktar baxxi tal-produzzjoni. L-ewwel tindika l-inċentiva qawwija tagħhom sabiex isibu swieq biex ibiegħu il-produzzjoni tagħhom. It-tieni turi l-ħila tagħhom biex inaqqsu severament il-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja, sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' bejgħ tagħhom fil-volum.

(128) B'rigward għall-prezzijiet, għandu jitfakkar li tul l-aħħar sentejn tal-perjodu kkunsidrat, kondizzjoniiet tas-suq favorevoli żammew il-prezzijiet fuq livell għoli ħafna kienu x'kienu l-miżuri *anti-dumping* applikabbli. Tabilħaqq, tul dak il-perjodu, bilanċ ta' domanda għall-forniment dinji wassal għal prezzijiet għolja għall-fertilizzanti tannitroġenu kollha. Il-UAN hi, bħall-fertilizzanti tannitroġenu l-oħra, kumditá li l-prezzijiet tagħha huma influwenzati minn bosta fatturi ibda mill-prezz volatili tal-gass li għandu impatt konsiderevoli fuq il-provvista bħala l-element ta' infiq l-aktar importanti, u spiċċa fil-kondizzjonijiet tat-temp, il-livelli tal-ħażna ta' uċuħ u l-qamħ li jirriżultaw f'talba mnaqqsa jew miżjuda. B'rigward partikolari għas-suq Komunitarju, it-talba għall-fertilizzanti tan-nitroġenu hi mistennija tonqos kemmxejn fis-snin li ġejjin [1] Iż-żamma ta' tali prezzijiet għoljin tiddependi għalhekk fuq provvista limitata, li madankollu mhux probabbli, kif wera l-istħarriġ, minħabba l-kapaċità żejda ta' esportazzjoni tal-pajjiżi kkonċernati u l-probabbiltà ta' direzzjoni mill-ġdid min-naħa ta' l-esportazzjonijiet tagħhom għall-pajjiżi terzi tul l-RIP, jekk il-miżuri jiskadu. Dan ix-xenarju probabbilment se jwassal lill-produtturi li jesportaw biex inaqqsu l-prezzijet tagħhom u jwaqqgħu l-prezziiet ta' l-industrija Komunitarja, sabiex jiksbu sehem fis-suq u jissodisfaw ir-rekwiżiti tagħhom fil-volumi ta' l-esportazzjoni. Taħt tali ċirkostanzi, l-industrija Komunitarja tiġi mġiegħla jew tnaqqas il-prezzijiet tagħha għal livell qrib jew inqas mill-infiq tal-produzzjoni meta jiġi kkunsidrat il-prezz għoli miżmum tal-gass jew it-telfien ta' sehem fis-suq u b'hekk id-dħul, jew it-tnejn. Żieda fl-esportazzjoniijet lejn is-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika mhix probabbli minħabba r-raġunijiet stipulati fil-premessa (135) ta' hawn taħt. Għalhekk, id-deterjorazzjoni tar-rendiment globali ta' l-industrija Komunitarja se tkun il-konsegwenza inevitabbli tar-revoka tal-miżuri.

[1] Sors: "Il-provvista u l-bilanċi ta' provvista/talba tal-fertilizzanti globali u l-materji primi: 2005-2009", A05/71b, Ġunju 2005, l-Assoċjazzjoni ta' l-Industrija tal-Fertilizzanti Internazzjonali "IFA".

(129) B'rigward għall-argument taż-żieda tal-qliegħ, għandu jiġi nnutat li dan hu msejjes fuq id-differenza pożittiva fil-prezz osservata tul il-perjodu kkonċernat bejn is-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika u dak tal-Komunità, li madankollu ma jistax jitqies bħala element ta' apprezzament għall-prezzijiet fil-ġejjieni ta' kumditià volatili ħafna bħall-UAN. Fuq din il-bażi, ġie stabbilit li hemm riskju għoli ta' ripetizzjoni ta' ħsara, jekk il-miżuri jiġu rrevokati, u għalhekk l-argument ġie rrifjutat.

4.3. *L-impatt fuq l-industrija tal-Komunità tal-volumi ta' l-esportazzjonijiet previsti u l-effetti tal-prezzijiet f'każ li l-miżuri jiġu rrevokati*

4.3.1. Rimarki preliminari — Il-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni

(130) Il-UAN huma fertilizzanti likwidi li jfornu n-nitroġenu lill-uċuħ tar-raba'. Dawn jintużaw prinċipalment bħala fertilizzanti ta' qabel iż-żrigħ għall-uċuħ tar-raba' li jinħartu, li normalment jeħtieġu l-UAN fir-Rebbiegħa. Il-UAN għandhom potenzjal limitat li jinbidlu ma' fertilizzanti oħra tan-nitroġenu, peress li l-bdiewa jużaw tagħmir differenti sabiex japplikaw il-UAN u dawn jistgħu jiġu mħallta ma' soluzzjonijiet oħra, bħalma huma l-pestiċidi għal applikazzjoni waħda. Għalhekk, id-domanda hija kkaratterizzata mill-ogħla livelli ta' użu staġonali u hija relattivament mhux elastika.

(131) Għalkemm il-UAN ġeneralment jiġu kkonsmati staġonalment, jiġu prodotti s-sena kollha għaliex hekk ikun aktar effiċjenti milli kieku kellha titwaqqaf il-produzzjoni. Għalhekk, il-produtturi tal-Komunità jinstabu bl-aqwa inventarji matul il-Ħarifa u x-Xitwa. Huwa probabbli li importazzjonijiet kbar tal-prodott ikkonċernat bi prezzijiet imnaqqsa matul ir-Rebbiegħa u s-Sajf se jkollhom effett avvers sinifikanti fuq il-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità għal komodità daqstant volatili bħall-prodott ikkonċernat, li għalih il-prezzijiet jiġu ffissati kull ġimgħa.

4.3.2. L-esportazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati

(132) Minħabba n-nuqqas ta' esportazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati ħlief għall-Alġerija matul l-RIP, l-analiżi hija ffokata fuq il-probabbiltà li fil-futur qrib l-esportazzjonijiet li jsiru lejn pajjiżi oħra matul l-RIP jingħataw direzzjoni ġdida lejn is-suq tal-Komunità. Barra minn hekk, l-evoluzzjoni probabbli tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-UAN trid tiġi analizzata.

(133) Fir-rigward ta' l-evoluzzjoni probabbli ta' l-esportazzjonijiet lejn is-suq tal-Komunità, ta' min jinnota li l-importazzjonijiet tal-UAN fis-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika li joriġinaw mill-Belarus, mir-Russja u mill-Ukraina kienu soġġetti għal miżuri *anti-dumping* sakemm dawn ġew irrevokati f'April 2003. It-tabella ta' hawn taħt turi l-iżvilupp ta' l-esportazzjonijiet ta' dawn it-tliet pajjiżi lejn is-suq ta' l-Istati Uniti ta' l- Amerika sa minn l-2003:

L-esportazzjonijiet lejn is-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika minn:	2003 (*)	2004	RIP (**)
Il-Belarus f'tunnellati	156 596	244 526	227 772
Ir-Russja f'tunnellati	179 993	614 395	699 100
L-Ukraina f'tunnellati	111 321	103 440	145 828
Total f'tunnellati	447 910	962 361	1 072 700

(*) iċ-ċifri jinkludu l-ewwel tliet xhur ta' l-2003, jiġifieri l-perjodu li fih il-miżuri kienu għadhom fis-seħħ.

(**) l-RIP qed jitqies għal paragun ma' l-analiżi ġenerali.

Sors: "L-Istatistika tal-Kummerċ Barrani", ippubblikat mill-Uffiċċju taċ-Ċensiment ta' l-Istati Uniti.

(134) Fuq din il-bażi, jidher li mill-2003 sa l-2004 dawn il-pajjiżi żiedu b'mod sinifikanti l-volum esportat tagħhom. Fil-każ tar-Russja, b'mod partikolari, il-volum ta' l-esportazzjonijiet tela' minn 180 elf tunnellata metrika fl-2003 għal madwar 600 elf tunnellata metrika fl-2004 li jirrappreżenta żieda ta' aktar minn tliet darbiet. Din l-istatistika tal-kummerċ turi wkoll li żieda f'daqqa u qawwija tal-volumi ta' esportazzjoni minn dawn il-pajjiżi għall-Istati Uniti ta' Amerika twaqqfet tul l-RIP, fejn iż-żieda meta mqabbla ma' l-2004 kienet inqas qawwija (11 %). L-istabbilizzazzjoni tal-volumi ta' esportazzjoni kollettivi tagħhom lejn is-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika għal madwar miljun tunnellata ġiet ikkonfermata mir-rendiment ta' esportazzjoni wara l-RIP ta' dawn il-pajjiżi lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

(135) Fir-Rapport Finali ta' l-istħarriġ *anti-dumping* ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika fuq l-importazzjonijiet tal-UAN mill-Belarus, ir-Russja u l-Ukraina, ir-raġuni għal dan l-istabilizzazzjoni hi deskritta fid-dettall [1] F'dan ir-rapport, hu ddikjarat b'mod speċifiku li l-proporzjoni għoli ta' l-ispejjeż tat-trasport fuq l-art jinvolvu li s-suq għall-importazzjonijiet hu virtwalment limitat għaż-żoni ta' max-xtut u li dawn l-ispejjeż jagħmlu l-bejgħ finali tal-UAN importati għal-bosta żoni ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, li jinkludu l-Istati ta' konsum tal-UAN fl-hekk imsejħa żona ta' "farm belt", wisq għaljin meta mqabbla mal-UAN prodott lokalment. Fi kliem ieħor, hemm limiti għad-daqs tas-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-importazzjonijiet, u ż-żoni l-aktar sinifikanti f'termini ta' konsum jibqgħu protetti mill-importazzjonijiet minħabba l-post tagħhom. Fid-dawl ta' l-istabbilizzazzjoni osservata ta' l-importazzjonijiet mill-Belarus, ir-Russja u l-Ukraina, kif dekritt fil-premessa (134) ta' hawn fuq, huwa għalhekk konkluż li s-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika ma jistax jassorbi volumi ta' importazzjonijiet ħafna għola minn dawk irreġistrati fl-RIP.

[1] "Is-soluzzjonijiet tan-nitrat ta' l-ammonju ta' l-urea mill-Belarus, ir-Russja u l-Ukraina — Nri ta' l-Istħarriġiet 731-TA-1006, 1008, u 1009 finali, Pubblikazzjoni 3591", April 2003, U.S. Kummissjoni Internazzjonali tal-Kummerċ, p. 25, V-4, V-5.

(136) Fil-kuntest li ssemma aktar 'il fuq, u minħabba l-qrubija relattiva tas-suq tal-Komunità, jista' jiġi konkluż li huwa probabbli li l-bejgħ sinifikanti jew il-kapaċità żejda fil-pajjiżi kkonċernati, se jiġu diretti lejn is-suq tal-Komunità, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Minħabba l-livell aktar baxx ta' spejjeż tat-trasport meta mqabbel ma' l-esportazzjonijiet lejn is-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-prezzijiet ta' l-esportazzjonijiet tagħhom jistgħu jkunu sostanzjalment aktar baxxi minn dawk li jipprevalu fis-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Barra minn hekk, kif jintwera fil-premessi (50), (54) u (63) ta' aktar 'il fuq, instab li l-bejgħ fis-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika tal-produtturi li jesportaw li kkooperaw sar bi prezzijiet aktar baxxi mill-valuri normali rispettivi.

4.3.3. L-impatt fuq il-kapaċitajiet żejda

L-Alġerija

(137) Ta' min ifakkar li s-suq domestiku tal-prodott ikkonċernat fl-Alġerija huwa insinifkanti u li virtwalment il-kapaċità tal-produzzjoni kollha hija orjentata lejn l-esportazzjoni. Barra minn hekk, l-investigazzjoni wriet li l-kapaċità żejda attwali tal-produtturi Alġerini tirrappreżenta 10-20 % tal-konsum tas-suq tal-Komunità. Il-kapaċità żejda totali attwali hija stmata li tlaħħaq madwar 300 000-350 000 tunnellata.

(138) B'mod partikolari, minħabba l-qrubija tas-suq tal-Komunità, huwa ferm probabbli li, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, din il-kapaċità tal-produzzjoni żejda tintuża għall-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat sabiex jiġi esportat lejn il-Komunità (l-Alġerija għandha sehem tas-suq ta' 4,8 % biss). Huwa probabbli li l-volumi għolja mistennija ikunu bi prezzijiet soġġetti għal *dumping* u probabbilment jikkawżaw ħsara lill-produtturi tal-Komunità.

Il-Belarus

139) Instab li hemm suq domestiku li qed jikber malajr, fejn, matul l-RIP, l-uniku produttur biegħ żewġ terzi tal-produzzjoni tiegħu. Barra minn hekk, fl-2004 u fl-RIP ma kien hemm l-ebda esportazzjoni lejn il-Komunità, u l-esportazzjonijiet lejn s-suq ta' l-Istati Uniti naqsu minkejja n-nuqqas ta' miżuri *anti-dumping* u minkejja kondizzjonijiet favorevoli għas-suq.

(140) Jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, bil-wisq probabbli li s-sitwazzjoni fir-rigward tal-Belarus tinbidel b'mod drammatiku. Minħabba l-fatt li l-prezz domestiku kien inqas minn nofs il-prezz tas-suq prevalenti fil-Komunità matul l-RIP, deċiżjoni ekonomika razzjonali għandha twassal sabiex il-produttur tal-Belarus jidderieġi mill-ġdid lejn is-suq tal-Komunità kwantitajiet sinifikanti li bħalissa qed jinbiegħu fis-suq domestiku bi prezzijiet soġġetti għal *dumping*. Huwa probabbli li r-riżultat ikun rikorrenza tal-ħsara kkawżata minn volumi għolja ta' importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi mill-Belarus.

Ir-Russja

(141) Is-suq domestiku Russu huwa relattivament żgħir meta mqabbel mal-kapaċità żejda li, kif issemma diġà fil-premessa (66) ta' aktar 'il fuq, tammonta għal 600 000 sa 700 000 tunnellata metrika u li tista' tiġi sostanzjalment imkabbra jekk jiġu miżjuda l-kapaċitajiet ta' dawk li ma kkooperawx jew il-kapaċitajiet li qed jiġu użati bħalissa fil-produzzjoni u fl-esportazzjoni tal-urea u tan-nitrat ta' l-ammonju, iż-żewġ fertilizzanti l-oħra tan-nitroġenu.

(142) F'dan ir-rigward, ta' min jinnota wkoll li bħalissa hemm miżuri ta' ħarsien tan-negozju li ġew imposti mill-Komunità fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti fi stadju aktar kmieni tal-produzzjoni, jiġifieri l-urea u n-nitrat ta' l-ammonju solidi, mir-Russja ([1]). Rigward il-miżuri fuq l-urea, bħalissa qed issir investigazzjoni ta' reviżjoni ta' skadenza ([2]). Barra minn hekk, bħalissa qed issir investigazzjoni ta' reviżjoni temporanja, limitata għal produttur li jesporta ewlieni, rigward il-miżuri fuq in-nitrat ta' l-ammonju ([3]). Għalhekk, jiddependi mir-riżultat finali ta' dawn l-investigazzjonijiet ta' reviżjoni, hemm riskju li l-produzzjoni tiġi mċaqilqa minn dawk il-prodotti għall-UAN, li mbagħad jista' jirriżulta f'żieda supplimentari sostanzjali tal-kapaċità żejda stmata tal-produtturi Russi.

(143) Minħabba dak li ntqal aktar 'il fuq hemm probabbiltà kbira li l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità se jerġgħu jibdew jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Il-volumi ta' importazzjonijiet bħal dawn jistgħu jiġu stmati b'mod konservattiv bħala li jirrappreżentaw viċin ta' 20 % tas-suq Komunitarju, meta jitqies l-konsum f'dak is-suq(ara l-premessa (86)) kif ukoll il-kapaċitajiet żejda effettivi fir-Russja. Minħabba l-prezzijiet baxxi ħafna tal-gass li qed jitħallsu mill-produtturi Russi u minħabba l-vantaġġ konsegwenti fl-ipprezzar għall-prodott ikkonċernat, huwa probabbli li importazzjonijiet bħal dawn jikkawżaw ħsara serja lill-industrija tal-Komunità.

L-Ukraina

(144) Fost il-pajjiżi kkonċernati, l-Ukraina bħalissa huwa l-pajjiż bl-ikbar kapaċità żejda li hija stmata li tvarja bejn 700 000 sa 800 000 tunnellata metrika. Il-kapaċità żejda attwaliattwali waħedha tammonta għal madwar 20 % tal-konsum tal-Komunità.

([1]) L-urea: Ir-Regolament (KE) Nru 901/2001 (ĠU L 127, 8.5.2001, p. 11). In-nitrat ta' l-ammonju: Ir-Regolament (KE) Nru 658/2002 (ĠU L 102, 18.4.2002, p. 1), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 945/2005 (ĠU L 160, 23.6.2005, p. 1).

([2]) ĠU C 105, 4.5.2006, p. 12.

([3]) ĠU C 300, 30.11.2005, p. 8.

(145) Fin-nuqqas ta' suq domestiku sinifikanti u minħabba l-qrubija tas-suq tal-Komunità, huwa probabbli li, jekk il-miżuri jiskadu, esportazzjonijiet sostanzjali se jiġu diretti lejn is-suq tal-Komunità. Kif intwera aktar 'il fuq dawn l-esportazzjonijiet probabbilment se jkunu ta' livelli soġġetti għal *dumping*, u għalhekk jikkawżaw ħsara kbira lill-industrija tal-Komunità.

4.4. *Konklużjoni dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza tal-ħsara*

(146) Minħabba l-prezzijiet baxxi b'mod artifiċjali li l-produtturi fil-pajjiżi kkonċernati jħallsu għall-gass bħala materja prima bażika, u minħabba l-impatt li dan għandu fuq l-ispiża tal-produzzjoni tal-UAN, huwa probabbli li, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, il-produtturi fil-pajjiżi kkonċernati se jkollhom il-possibbiltà li jesportaw il-prodott ikkonċernat bi prezzijiet aktar baxxi mill-ispiża tal-produzzjoni ta' l-industrija tal-Komunità.

(147) Jekk il-miżuri jiskadu, il-pajjiżi kollha kkonċernati ħlief għall-Belarus għandhom kapaċità żejda li tista' tiġi diretta lejn is-suq tal-Komunità. Fir-rigward tal-Belarus, meta jitqiesu l-volumi ta' bejgħ għolja fis-suq domestiku bi prezzijiet ferm aktar baxxi minn dawk li kienu jipprevalu fis-suq tal-Komunità matul l-RIP, huwa ferm probabbli li mill-inqas parti minnhom għandhom jiġu diretti mill-ġdid lejn is-suq tal-Komunità, jekk il-miżuri jiskadu. L-ispejjeż aktar baxxi tat-trasport għall-bejgħ lejn il-Komunità meta mqabbla ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika wkoll jistgħu jistimolaw l-għoti ta' direzzjoni ġdida lill-bejgħ lejn is-suq tal-Komunità. Barra minn hekk, għall-erba' pajjiżi kollha d-direzzjoni ġdida ta' parti mill-esportazzjonijiet attwali tagħhom minn pajjiżi oħra lejn il-Komunità hija probabbli jekk il-miżuri attwali jiġu revokati, kif intwera fil-Premessi (132)-(136).

(148) L-EFIA u ċerti produtturi li jesportaw issottomettew li l-preżunzjoni taċ-ċaqliq mill-produzzjoni ta' l-urea u tan-nitrat ta' l-ammonju lejn il-UAN ma jagħtix każ il-fatt ekonomiku bażiku li l-produtturi ma jistgħux sempliċiment ibiddlu l-produzzjoni mingħajr investimenti supplimentari. Barra minn hekk, iddikjaraw li l-produtturi mhumiex se jċedu prodotti li jagħmlu aktar qliegħ biss minħabba li jitneħħew il-miżuri *anti-dumping* fuq prodott li jagħmel inqas qliegħ.

(149) B'rigward għall-investimenti supplimentari meħtieġa, għandu jiġu nnutat li bosta mill-esportaturi maġġuri li jipproduċu l-fertilizzanti tan-nitroġenu huma produtturi integrati u għalhekk id-deċiżjoni fuq il-produzzjoni/esportazzjoni ta' prodott jew ieħor tiddependi partikolarment fuq il-kondizzjonijiet tas-suq. Għal dak li għandu x'jaqsam mal-prodotti li jħallu qliegħ, il-prodotturi se jfittxu tabilħaqq il-prodotti li jħallu l-aktar qliegħ. F'dan ir-rigward, il-miżuri *anti-dumping* għandhom seħem maġġuri fid-deċiżjoni tagħhom, peress li dan hu muri fiż-żieda sinfikanti fl-esportazzjoniiet *dumped* tal-UAN lis-suq ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika tul l-2004 u l-RIP, ladarba l-miżuri ta' l-*anti-dumping* ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika ġew irrevokati fl-2003. Għalhekk, deċiżjonijiet ekonomiċi sodi magħmula mill-produtturi li jesportaw sejrin probabbilment iwassluhom sabiex ibiddlu minn prodott għall-ieħor sabiex iżommu jew iżidu l-bejgħ ġenerali tagħhom tal-fertilizzanti tan-nitroġenu u l-profitti tagħhom. Fuq din il-bażi, l-argumenti ta' hawn fuq ġew irrifjutati.

(150) Dak li ntqal aktar 'il fuq iwassal għall-konklużjoni li jekk il-miżuri jiskadu, huwa probabbli li jkun hemm esportazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati f'volumi sinifikanti u bi prezzijiet li jkunu orħos mill-prezzijiet ta' l-industrija tal-Komunità minħabba l-ispiża tal-produzzjoni mgħawġa u artifiċjalment baxxa tagħhom. Wisq probabbli dan ikollu l-effett li jsaħħaħ it-tendenza li jitmewtu l-prezzijiet fis-suq, b'impatt negattiv mistenni fuq is-sitwazzjoni ekonomika ta' l-industrija tal-Komunità. B'mod partikolari, dan għandu jfixkel l-irkupru finanzjarju li nkiseb fl-2004 u fl-RIP, li jwassal għal rikorrenza probabbli tal-ħsara. Fi kliem ieħor, aktar ma l-kondizzjonijiet tas-suq isiru goffi, aktar wieħed jistenna depressjoni f'daqqa tal-prezzijiet mill-pajjiżi kkonċernati, waqt li jitqiesu d-differenza sinifikanti fl-ispiża tal-produzzjoni tagħhom kif ukoll il-kapaċità żejda tagħhom.

E. L-INTERESS TAL-KOMUNITÀ

1. Introduzzjoni

(151) Skond l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri *anti-dumping* eżistenti tkunx kontra l-interess tal-Komunità kollha. Id-determinazzjoni ta' l-interess tal-Komunità kienet ibbażata fuq apprezzament ta' l-interessi differenti kollha involuti.

(152) Ta' min ifakkar li, fl-investigazzjoni oriġinali, tqies li l-adozzjoni tal-miżuri ma kinitx kontra l-interess tal-Komunità. Barra minn hekk, il-fatt li l-investigazzjoni preżenti hija reviżjoni, li għalhekk tanalizza sitwazzjoni fejn il-miżuri *anti-dumping* diġà kienu fis-seħħ, jippermetti l-valutazzjoni ta' kwalunkwe impatt negattiv mhux dovut fuq il-partijiet ikkonċernati mill-miżuri *anti-dumping* attwali.

(153) Fuq din il-bażi, kien eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' *dumping* li jagħmel il-ħsara, kienx hemm raġunijiet konvinċenti li jwasslu għall-konklużjoni li mhuwiex fl-interess tal-Komunità li jinżammu l-miżuri f'dan il-każ partikolari.

2. **L-interess ta' l-industrija tal-Komunità**

(154) L-industrija tal-Komunità ppruvat li hija industrija strutturalment vijabbli. Dan kien ikkonfermat mill-iżvilupp pożittiv tas-sitwazzjoni ekonomika tagħha li ġiet osservata wara l-impożizzjoni tal-miżuri *anti-dumping* fl-2000. B'mod partikolari, bejn l-2002 u l-RIP, l-industrija tal-Komunità tejbet is-sitwazzjoni tal-qliegħ tagħha.

(155) Wieħed jista' jistenna b'mod raġonevoli li l-industrija tal-Komunità se tkompli tibbenefika mill-miżuri imposti bħalissa u se tirkupra aktar billi ddawwar it-tendenza 'l isfel fis-sehem tas-suq u ttejjeb aktar il-profitabilità tagħha. Jekk il-miżuri ma jinżammux, huwa probabbli li se jkun hemm żieda fl-importazzjonijiet bi prezzijiet soġġetti għal *dumping* mill-pajjiżi kkonċernati li b'hekk tikkawża ħsara lill-industrija tal-Komunità billi tiġi eżerċitata pressjoni 'l isfel fuq il-prezzijiet tal-bejgħ li se tipperikola s-sitwazzjoni finanzjarja pożittiva tagħha ta' bħalissa li iżda għadha fraġli.

3. **L-interess ta' l-importaturi**

(156) Kif issemma fil-premessa (10) ta' aktar 'il fuq, importatur wieħed biss indika li lest li jiġi inkluż fil-kampjun u pprovda l-informazzjoni bażika meħtieġa fil-formola tat-teħid ta' kampjuni. Madankollu, wara li ntbagħat il-kwestjonarju sħiħ lil dan l-importatur, informa lill-Kummissjoni li ma xtaqx jikkoopera aktar ma' l-investigazzjoni.

(157) Ta' min ifakkar li fl-investigazzjoni oriġinali kien instab li l-impatt ta' l-impożizzjoni tal-miżuri m'għandux ikun sinifikanti sal-punt li l-importazzjonijiet ikomplu għaddejjin għalkemm bi prezzijiet li ma jagħmlux ħsara, u li bħala regola l-importaturi ma jinnegozjawx biss fil-UAN iżda wkoll, sa punt sinifikanti, f'fertilizzanti oħra. Rigward il-preżunzjoni li l-importazzjonijiet għandhom ikomplu għaddejjin, dan ġie kkonfermat biss mill-importazzjonijiet mill-Alġerija fejn hemm impenn fis-seħħ għall-produttur wieħed li jesporta. Dan iwassal għall-konklużjoni li wħud mill-importaturi fil-fatt seta' kellhom konsegwenzi negattivi mill-impożizzjoni tal-miżuri, kif ġie indikat fil-premessa 66 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 617/2000 [1]. Madankollu, l-investigazzjoni ma wrietx li wħud mill-importaturi kompletament waqqfu l-attivitajiet tagħhom, iżda pjuttost deher li ffokaw fuq fertilizzanti differenti kif kien previst. Għalhekk, l-impożizzjoni tal-miżuri jidher li kellha impatt ġenerali limitat fuq il-maġġoranza ta' l-importaturi/tan-negozjanti.

(158) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa ta' l-importaturi, m'hemm l-ebda informazzjoni affidabbli disponibbli li tindika li ż-żamma tal-miżuri se jkollha effett negattiv sinifikanti fuq l-importaturi jew fuq in-negozjanti.

(159) L-EFIA ddikjarat li n-nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa ta' l-importaturi ma għandhiex titqies bħala nuqqas ta' interess iżda bħala riflessjoni tal-qagħda inġusta minħabba r-riżorsi sinifikanti meħtieġa minn stħarriġ ta' l-*anti-dumping* meta mqabbla mar-riżorsi limitati tagħhom minħabba impriżi żgħar jew ta' daqs medju. Barra minn hekk, jiskhqu li l-istħarriġ ma tax każ l-effett kumulattiv ta' l-għadd ta' miżuri *anti-dumping* fuq il-fertilizzanti fuq l-importaturi, u b'hekk fallew milli japplikaw analiżi ġusta ta' l-effetti fuq l-importaturi u l-bdiewa.

(160) F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li għall-importaturi li jittrattaw firxa wiesgħa ta' fertilizzanti, fosthom il-UAN, hemm il-possibbiltà li jipprovdu l-fertilizzanti tan-nitroġenu differenti minn sorsi oħrajn li bħalissa mhumiex suġġetti għall-miżuri ta' l-*anti-dumping*. Fuq din il-bażi, ġie konkluż li kwalunkwe impatt negattiv minħabba l-issoktar tal-miżuri fuq l-importaturi mhux se jkun raġuni li tqanqal kontra l-issoktar tal-miżuri.

4. **L-interess ta' l-utenti**

(161) L-utenti ta' l-UAN huma bdiewa fil-Komunità. Id-domanda għall-fertilizzanti tan-nitroġenu tidher li hija relattivament mhux elastika, u l-bdiewa għandhom it-tendenza li jixtru mill-irħas sors. Meta ġie eżaminat l-effett possibbli ta' l-impożizzjoni tal-miżuri fuq l-utenti, fl-investigazzjoni oriġinali ġie konkluż li minħabba l-inċidenza żgħira ta' l-ispiża tal-UAN fuq il-bdiewa, ma kienx probabbli li kwalunkwe żieda f'dawn l-ispejjeż kien se jkollha effett avvers sinifikanti fuqhom. Il-fatt li l-ebda utent jew assoċjazzjoni ta' utenti ma pprovda kwalunkwe informazzjoni li tikkontradixxi s-sejba ta' hawn fuq fil-qafas ta' l-investigazzjoni ta' reviżjoni attwali jidher li jikkonferma li: (i) il-UAN jirrappreżentaw parti żgħira ħafna mill-ispejjeż totali tal-produzzjoni għal dawn il-bdiewa; (ii) il-miżuri li huma fis-seħħ bħalissa ma kellhom l-ebda effett negattiv sostanzjali fuq is-sitwazzjoni ekonomika tagħhom; u (iii) il-kontinwazzjoni tal-miżuri m'għandiex taffettwa b'mod avvers l-interessi finanzjarji ta' l-utenti.

5. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Komunità**

(162) Minn dak li ntqal aktar 'il fuq jiġi konkluż li m'hemm l-ebda raġuni konvinċenti kontra ż-żamma tal-miżuri *anti-dumping* attwali.

F. **IL-MIŻURI ANTI-DUMPING**

(163) Il-partijiet kollha ġew informati bil-fatti u bil-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom huwa maħsub li jiġi rakkomandat li l-miżuri eżistenti jinżammu. Inghataw ukoll perjodu biex jagħmlu rappreżentazzjonijiet wara dan l-iżvelar.

[1] ĠU L 75, 24.3.2000, p. 3.

(164) Skond dak li ntqal aktar 'il fuq jirriżulta li, kif previst mill-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-miżuri *anti-dumping* li japplikaw għall-importazzjonijiet tal-UAN li joriġinaw mill-Alġerija, mill-Belarus, mir-Russja u mill-Ukraina għandhom jinżammu. Ta' min ifakkar li dawn il-miżuri jikkonsistu f'dazji speċifiċi, bl-eċċezzjoni ta' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li jiġu manifatturati u mibjugħa għall-esportazzjoni lejn il-Komunità minn kumpanija Alġerina waħda li mingħandha ġie aċċettat impenn,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju *anti-dumping* definittiv qed jiġi permezz ta' dan impost fuq l-importazzjonijiet tat-taħlitiet ta' urea u ta' nitrati ta' l-ammonju jew soluzzjoni ammonjakali li jaqgħu fil-kodiċi NM 3102 80 00 u li joriġinaw mill-Alġerija, mill-Belarus, mir-Russja u mill-Ukraina.

2. L-ammont ta' dazju f'euro għal kull tunnellata għandu jkun kif jintwera hawn taħt:

Il-Pajjiż	Manifattur	L-ammont ta' dazju (għal kull tunnellata metrika)	Il-kodiċi supplimentari TARIC
L-Alġerija	Il-kumpaniji kollha	EUR 6,88	A999
Il-Belarus	Il-kumpaniji kollha	EUR 17,86	—
Ir-Russja	JSC Nevinnomyssky Azot 357030 Russian Federation Stavropol region Nevinnomyssk, Nizyaev st. 1	EUR 17,80	A176
	Il-kumpaniji l-oħra kollha	EUR 20,11	A999
L-Ukraina	Il-kumpaniji kollha	EUR 26,17	—

3. Fil-każijiet fejn il-merkanzija tkun ġarrbet ħsara qabel id-dħul f'ċirklazzjoni libera u, għalhekk, il-prezz fil-fatt imħallas jew li għandu jitħallas jitqassam għad-determinazzjoni tal-valur doganali skond l-Artikolu 145 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 ([20]), l-ammont tad-dazju *anti-dumping*, ikkalkulat fuq l-ammonti stipulati hawn fuq, għandu jitnaqqas b'persentaġġ li jikkorrispondi għat-tqassim tal-prezz tabilħaqq imħallas jew li għandu jitħallas.

4. Minkejja l-paragrafu 1, id-dazju anti-dumping definittiv m'għandux japplika għall-importazzjonijiet rilaxxati f'ċirkolazzjoni libera skond l-Artikolu 2.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji doganali.

Artikolu 2

1. L-importazzjonijiet iddikjarati għar-rilaxx f'ċirkolazzjoni libera taħt il-kodiċijiet supplimentari TARIC li ġejjin li jiġu prodotti u esportati direttament (jiġifieri ttrasportati u mogħnija b'fattura) mill-kumpanija imsemmija ta' hawn taħt lil kumpanija fil-Komunità li taġixxi bħala importatur għandhom jiġu eżentati mid-dazju *anti-dumping* impost mill-Artikolu 1 bil-kundizzjoni li tali mportazzjonijiet bħal dawn ikunu importati skond il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Pajjiż	Kumpanija	Kodiċi supplimentari TARIC
L-Alġerija	Fertalge Industries spa 12, Chemin AEK Gadouche Hydra, Alger	A107

2. L-eżenzjoni għandha tkun kundizzjonali fuq preżentazzjoni lis-servizzi doganali relevanti ta' l-Istati Membri ta' fattura kummerċjali valida maħruġa mill-kumpanija li tesporta li fiha l-elementi essenzjali mniżżla fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
J. KORKEAOJA

([1]) ĠU L 253, 11.10.1993, p. 40.

ANNESS

L-elementi li għandhom jiġu indikati fil-fattura kummerċjali msemmija fl-Artikolu 2(2):

1. Il-kodiċi supplimentari TARIC li taħtu l-merkanzija fuq il-fatturi għandha tiġi rilaxxata mid-dwana fuq il-fruntieri Komunitarji (kif speċifikat fir-Regolament).

2. Id-deskrizzjoni eżatta tal-merkanzija, inklużi:

   — il-kodiċi NM,

   — il-kontenut tann-nitroġenu ("N") tal-prodott (f'persentaġġi),

   — il-kwantità (li għandha tingħata f'tunnellati),

3. Id-deskrizzjoni tat-termini tal-bejgħ, li tinkludi:

   — il-prezz għal kull tunnellata,

   — it-termini tal-ħlas applikabbli,

   — it-termini tal-kunsinna applikabbli,

   — l-iskontijiet u t-tnaqqis totali.

4. L-isem ta' l-importatur li nħarġitlu l-fattura direttament mill-kumpanija.

5. L-isem ta' l-uffiċjal tal-kumpanija li ħareġ il-fattura tal-garanzija u d-dikjarazzjoni ffirmata li ġejja:

   "Jiena, is-sottoskritt, niċċertifika li l-bejgħ għall-esportazzjoni diretta lejn il-Komunità Ewropea tal-merkanzija koperta minn din il-fattura qiegħed isir fl-ambitu u taħt it-termini tal-garanzija offruta minn [kumpanija], u ġie aċċettat mill-Kummissjoni Ewropea permezz tar-Regolament (KE) Nru 617/2000. Niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."